KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.10.2012
COM(2012) 617 final

2012/0295 (COD)

Proposal for a

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn

{SWD(2012) 350 final}
{SWD(2012) 351 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Il-faqar u l-privazzjoni materjali fl-Unjoni

Fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020 tagħha, l-Unjoni Ewropea stabbiliet għaliha nnifisha l-objettiv li tnaqqas l-għadd ta' persuni li qegħdin jgħixu fil-faqar jew f'esklużjoni soċjali jew li jinsabu fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun sal-2020. Madankollu, il-kriżi ekonomika żiedet il-faqar u l-esklużjoni soċjali u dan qajjem tħassib dwar il-konsegwenzi soċjali għall-individwi u għas-soċjetà in ġenerali.

Fl-2010, kważi kwart tal-Ewropej (116-il miljun) kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. Dan ifisser madwar 2 miljun ruħ aktar mis-sena preċedenti u l-ewwel ċifri disponibbli għall-2011 jikkonfermaw din it-tendenza.

Filwaqt li l-ħtiġijiet ta' dawk li huma fil-marġnijiet tas-soċjetà qed ikomplu jiżdiedu, f'ħafna każijiet il-kapaċità tal-Istati Membri li jappoġġjaw lil dawk li qegħdin fil-marġini tas-soċjetà tagħha naqset. Il-koeżjoni soċjali hija mhedda minn restrizzjonijiet fiskali aktar minn qatt qabel. F'ħafna Stati Membri jinħass li l-politiki deċiżi fuq livell Ewropew sa ċertu punt huma responsabbli għal dawn l-iżviluppi.

Il-livelli dejjem akbar ta' faqar għandhom impatt negattiv fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien taċ-ċittadini Ewropej, b'madwar 40 miljun ruħ minnhom ibatu minn privazzjoni materjali severa. Filwaqt li din iċ-ċifra tnaqqset b'mod drastiku bejn l-2005 u l-2008, bejn l-2009 u l-2010 reġgħet bdiet tikber, u f'sena biss kien hemm żieda ta' 342 000 persuna li qegħdin jiffaċċjaw privazzjoni materjali severa.

Waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-privazzjoni materjali hija l-inabilità li jkun hemm aċċess għal kwantitajiet u għal kwalità xierqa ta' ikel. Is-sehem tal-popolazzjoni tal-Unjoni li ma tistax taffordja ikla bil-laħam, bit-tiġieġ, jew bil-ħut (jew l-ekwivalenti veġetarjan) kull jumejn - xi ħaġa definita bħala ħtieġa bażika mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa - kien ta' 8.7% fl-2010, jiġifieri aktar minn 43 miljun ruħ u l-ewwel ċifri disponibbli għall-2011 jindikaw tendenza ta' deterjorament.

Forma partikularment serja ta' privazzjoni materjali li tmur ferm lil hinn mill-privazzjoni alimentari hija n-nuqqas ta' akkomodazzjoni. Il-firxa ta' persuni mingħajr akkomodazzjoni hija diffiċli li tiġi kkwantifikata iżda, l-istimi jindikaw li kien hemm 4,1 miljun persuna mingħajr akkomodazzjoni fl-Ewropa fl-2009/2010. Dan l-aħħar, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni żdied minħabba l-impatt soċjali ta' tkabbir baxx u irregolari u ż-żieda fil-qgħad. Saħansitra aktar inkwetanti, qed jinbet profil ġdid ta' persuni mingħajr akkomodazzjoni li jikkonsisti minn familji bit-tfal, żgħażagħ u persuni bi sfond ta' migrazzjoni.

Hemm 25,4 miljun tifel u tifla f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-Unjoni. Ġeneralment, it-tfal qegħdin f'riskju akbar ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali mill-bqija tal-popolazzjoni (27 % meta mqabbel ma' 23 %). Dan jesponihom għal privazzjoni materjali li jmur lil hinn min-nutrizzjoni (ħażina). Pereżempju, 5,7 miljun tifel/tifla jkollhom joqgħodu mingħajr ħwejjeġ ġodda (mhux użati) u 4,7 miljuni ma għandhomx żewġ pari żraben li jiġuhom sew (inkluż par żarbun għal kull tip ta' temp). Meta mqabbla ma' sħabhom li

qegħdin f'qagħda aħjar, it-tfal li jbatu minn dawn il-forom ta' privazzjoni materjali huma inqas probabbli li jmorru tajjeb fl-iskola, igawdu minn saħħa tajba u jirrealizzaw il-potenzjal sħiħ tagħhom bħala adulti.

1.2. Ir-rispons tal-Unjoni għall-faqar u l-privazzjoni materjali

L-istrument ewlieni tal-Unjoni biex jappoġġja l-impjegabilità, jiġġieled il-faqar u jippromwovi l-inklużjoni soċjali huwa u sejjer jibqa' l-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Dan l-istrument strutturali jinvesti direttament fil-persuni u l-ħiliet tagħhom u għandu l-għan li jtejjeb l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol. Madankollu xi wħud mill-aktar ċittadini vulnerabbli tal-Unjoni li jsofru minn forom estremi ta' faqar huma 'l bogħod wisq mis-suq tax-xogħol biex jibbenefikaw mill-miżuri ta' inklużjoni soċjali tal-FSE.

Għal aktar minn għoxrin sena, il-programm tad-Distribuzzjoni tal-Ikel tal-UE għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (MDP - Most Deprived people) ipprovda għajnuna alimentari għaldawk il-persuni. Inħoloq fl-1987 biex isir użu sinifikanti mill-eċċessi agrikoli li altrimenti setgħu nqerdu, billi dawn ġew magħmula disponibbli għall-Istati Membri li xtaqu jagħmlu użu minnhom. Matul is-snin, l-iskema saret sors importanti ta' provvisti għall-organizzazzjonijiet li jaħdmu f'kuntatt dirett mal-persuni l-inqas ixxurtjati tas-soċjetà billi pprovditilhom l-ikel. It-tnaqqis mistenni u l-imprevedibbiltà għolja tal-istokks ta' intervent matul il-perjodu 2011-2020, bħala konsegwenza tar-riformi suċċessivi tal-Politika Agrikola Komuni, iddeprivew l-MDP mill-ħsieb oriġinali li fuqu huwa msejjes u sejjer jitwaqqaf fl-aħħar tal-2013.

Madankollu, il privazzjoni materjali għadha toħloq problemi serji u għad hemm il-ħtieġa ta' għajnuna mill-UE għall-persuni l-aktar fil-bżonn fis-soċjetà. Fil-proposta tagħha għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss, il-Kummissjoni rriflettiet dan u rriżervat baġit ta' € 2,5 biljuni għal strument ġdid iddeżinjat biex jiġġieled il-forom estremi ta' faqar u ta' esklużjoni.

F'dan l-isfond, ir-Regolament propost jistabbilixxi strument ġdid għall-perjodu 2014-2020 li sejjer jikkumplimenta l-istrumenti eżistenti ta' koeżjoni u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, billi jindirizza l-agħar forom ta' faqar u l-aktar forom korrużivi għas-soċjetà, il-privazzjoni alimentari kif ukoll in-nuqqas ta' akkomodazzjoni u l-privazzjoni materjali tat-tfal filwaqt li jappoġġja miżuri ta' sostenn li għandhom il-għan li jirrintegraw soċjalment lill-persuni l-aktar fil-bżonn tal-Unjoni.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Pożizzjoni tal-partijiet interessati

Id-diskussjonijiet fil-Kunsill, fil-Parlament Ewropew u mas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali dwar il-forom ta' għajnuna attwali għall-persuni l-aktar fil-bżonn taħt il-programm MDP ipprovdew għarfien u ideat sinifikanti għall-futur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet lesta tiddiskuti l-opinjonijiet tal-partijiet interessati u kkonsultat organizzazzjonijiet rappreżentattivi fuq livell tal-UE li jirrappreżentaw kemm lill-fornituri ta' għajnuna alimentari kif ukoll lir-reċipjenti finali.

It-tnaqqis sinifikanti potenzjali tas-sostenn mogħti taħt l-iskema MDP fl-2012 ġie kkritikat b'mod sever mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bir-rappreżentanti tal-awtoritajiet

reġjonali u lokali li enfasizzaw l-importanza ta' dan l-appoġġ u talbu għall-kontinwazzjoni tagħha fi żmien meta l-ħtiġijiet qegħdin jiżdiedu.

Karitajiet kbar u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw il-banek tal-ikel, kif ukoll organizzazzjonijiet li jaħdmu mat-tfal u man-nies mingħajr akkomodazzjoni ripetutament esprimew il-ħtieġa għal sostenn pubbliku u speċifikament mill-UE.

Ġew organizzati żewġ laqgħat ma' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi ta' organizzazzjonijiet li mhux biss jirrappreżentaw lill-benefiċjarji iżda wkoll lir-riċevituri reali finali. B'mod ġenerali l-organizzazzjonijiet laqgħu t-twessigħ possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument lil hinn mill-għajnuna alimentari u l-idea ta' approċċ ċċentrat fuq il-persuni.

Il-fehmiet tal-Istati Membri dwar dan l-istrument huma diviżi: seba' Stati Membri esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għat-tkomplija tal-MDP wara l-2013. Stati Membri oħra argumentaw bis-sħiħ b'appoġġ għall-iskema. F'Diċembru 2011, 13-il Stat Membru ħarġu dikjarazzjoni li fiha talbu li l-MDP jitkompla wara l-2013.

Il-Parlament Ewropew ripetutament esprima appoġġ qawwi għat-tkomplija tal-programm ta' għajnuna alimentari fl-interess ta' koeżjoni soċjali aħjar fl-Ewropa.

F'Diċembru 2011, 11-il organizzazzjoni rappreżentattiva kitbu lill-Kummissarju Andor u lid-Direttur Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni fejn talbu biex isir progress fl-Istrateġija tal-UE dwar in-Nuqqas ta' Akkomodazzjoni. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew appella għal strateġija bħal din - l-ewwel f'Dikjarazzjoni bil-Miktub (2010) u mbagħad f'Riżoluzzjoni (2011).

Il-Patt għal Tkabbir u Impjiegi adottat mill-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Ġunju 2012 jinnota li "fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, l-Istati Membri se jpoġġu enfasi partikolari fuq l-indirizzar tal-qgħad u l-indirizzar tal-konsegwenzi soċjali tal-kriżi b'mod effettiv [... u] l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi għall-ġlieda kontra l-faqar u s-sostenn għall-gruppi vulnerabbli".

2.2. Valutazzjoni tal-impatt

Il-kwistjoni ewlenija eżaminata mill-valutazzjoni tal-impatt kienet tikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument il-ġdid. L-għażliet li ġew ikkunsidrati kienu (0) l-ebda finanzjament, (1) strument suċċessur għall-MDP attwali limitat għat-tqassim ta' għajnuna alimentari, (2) strument li jkun jikkumplimenta d-distribuzzjoni tal-għajnuna alimentari b'appoġġ għall-miżuri ta' sostenn li għandhom fil-mira tagħhom l-inklużjoni soċjali tal-benefiċjarji tal-għajnuna alimentari, u (3) strument komprensiv li jappoġġja għajnuna materjali f'termini ta' ikel, prodotti għal persuni mingħajr akkomodazzjoni u prodotti għal tfal deprivati materjalment li flimkien ma' miżuri ta' sostenn jimmiraw lejn ir-riintegrazzjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.

L-impatt nett tal-għażla żero jiddependi fuq kif il-fondi magħmula disponibbli jerġgħu jiġu allokati. Iżda ċertament tkun tidher bħala d-dimostrazzjoni tal-erożjoni ta' solidarjetà fl-Ewropa fi żmien meta l-faqar qiegħed jiżdied. Meta mqabbla mal-għażla numru wieħed, l-għażla numru tnejn u aktar u aktar l-għażla numru tlieta jfissru tnaqqis tal-għajnuna alimentari mqassma peress li xi riżorsi jiġu allokati għal tipi oħra ta' azzjonijiet. Madankollu, il-miżuri ta' sostenn għandhom jiżguraw ukoll sostenibbiltà akbar tar-riżultati miksuba. L-għażla numru tlieta hija dik l-ippreferuta minħabba li din tipprovdi l-aħjar tfassil tal-interventi appoġġjati għall-ħtiġijiet lokali.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 174 (TFUE) li jipprovdi għall-Unjoni biex "tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha inġenerali" billi "tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha" u fuq l-Artikolu 175 (TFUE), li jispeċifika r-rwol tal-fondi strutturali tal-UE fil-ksib ta' dan l-objettiv u jagħmel dispożizzjonijiet għall-adozzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi barra mill-Fondi Strutturali.

Azzjoni fuq livell tal-UE hija neċessarja minħabba l-livell ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali fl-Unjoni u d-diversità inaċċettabbli tas-sitwazzjoni fost l-Istati Membri individwali, ulterjorment aggravati mill-kriżi ekonomika u fiskali, li wasslet għal deterjorament tal-koeżjoni soċjali u naqqset il-possibiltajiet li jinkiseb l-għan tal-istrateġija Ewropa 2020 fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Appoġġ finanzjarju Ewropew jgħin biex jikkatalizza azzjoni fuq livell nazzjonali, jikkoordina l-isforzi u jiżviluppa u jintroduċi strumenti li jippromwovu l-inklużjoni soċjali. Jippermetti lill-Unjoni sabiex tmexxi bl-eżempju.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta tal-Kummissjoni għal qafas multiannwali tipprevedi ammont ta' EUR 2,5 biljuni, fi ħdan il-politika ta' koeżjoni, għall-perjodu 2014-2020.

F'konformità mal-Artikolu 84(3) tar-Regolament UE Nru ... (CPR), l-appoġġ għal Stat Membru permezz tal-Fond għandu jitqies bħala parti mis-sehem tal-Fondi Strutturali allokati lill-Fond Soċjali Ewropew.

Baġit propost għall-2014-2020	*EUR biljuni*
Politika ta' Koeżjoni (Fondi Strutturali)	339
Li minnhom **il-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn**	2.5

**Iċ-ċifri kollha huma skont prezzijiet kostanti għall-2011*

5. KONTENUT TAR-REGOLAMENT

5.1. L-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni

L-objettiv ġenerali tal-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (il-Fond) huwa li jippromwovi l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni billi jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv tal-istrateġija Ewropa 2020 li jitnaqqas l-għadd ta' persuni li qegħdin jgħixu fil-faqar jew f'esklużjoni soċjali jew li jinsabu fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun.

Dan jissarraf fl-objettiv speċifiku ta' appoġġ lejn skemi nazzjonali li jipprovdu għajnuna mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn permezz ta' organizzazzjonijiet imsieħba.

F'termini tal-kamp ta' applikazzjoni, il-Fond jindirizza l-privazzjoni alimentari, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni u l-privazzjoni materjali tat-tfal. Kull Stat Membru jista' jagħżel li jindirizza forma waħda jew aktar ta' privazzjoni. Jista' jappoġġja wkoll miżuri ta' sostenn, li jikkumplimentaw l-għajnuna materjali, li jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.

5.2. Il-popolazzjoni eliġibbli u l-identifikazzjoni tal-miri

Il-popolazzjoni eliġibbli biex tirċievi għajnuna materjali hija magħmula mill-persuni l-aktar fil-bżonn tal-Unjoni. Id-definizzjoni tal-kriterji li jidentifikaw il-persuni l-aktar fil-bżonn li għandhom jiġu megħjuna għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Istati Membri jew tal-organizzazzjonijiet imsieħba peress li qegħdin fl-aqwa pożizzjoni biex jimmiraw l-għajnuna b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet lokali.

Bid-definizzjoni tat-tip ta' prodotti li jkunu sejrin jitqassmu: jiġifieri ikel jew, prodotti bażiċi għall-konsumatur għall-użu personali tal-persuni jew tat-tfal mingħajr akkomodazzjoni, ir-Regolament fih ukoll mekkaniżmu indirett ta' identifikazzjoni tal-miri.

5.3. Organizzazzjonijiet imsieħba

L-organizzazzjonijiet imsieħba huma dawk li direttament jew indirettament iwasslu l-ikel jew il-prodotti lill-persuni l-aktar fil-bżonn. Sabiex jiġi żgurat li l-Fond jikkontribwixxi għat-tnaqqis sostenibbli tal-faqar u għat-titjib tal-koeżjoni soċjali, l-organizzazzjonijiet imsieħba li jwasslu l-ikel jew l-oġġetti sejrin ikollhom iwettqu huma stess l-attivitajiet li jikkumplimentaw il-forniment ta' għajnuna materjali, li għandhom fil-mira tagħhom l-integrazzjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn. Il-Fond innifsu jista' jappoġġja miżuri ta' sostenn bħal dawn.

L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jew jixtru l-ikel jew il-prodotti jew jagħmluhom disponibbli lill-organizzazzjonijiet imsieħba jew jipprovdu l-organizzazzjoni imsieħba b'finanzjament għax-xiri tal-ikel jew l-oġġetti. Jekk ix-xiri ta' ikel jew ta' prodotti jsir minn organizzazzjoni msieħba, hija tista' jew tiddistribwixxi l-oġġettihija stess jew tafda t-tqassim lil organizzazzjonijiet imsieħba oħra.

5.4. Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni

Il-Fond sejjer jiġi implimentat skont il-mudell tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri permezz ta' ġestjoni kondiviża abbażi ta' programm operattiv wieħed ta' seba' snin għal kull Stat Membru li jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2020.

Ir-Regolament isegwi l-approċċ tal-fondi strutturali f'termini ta' arranġamenti ta' implimentazzjoni, li b'mod partikolari jippermetti lill-Istati Membri li, jekk jixtiequ, jużaw l-istrutturi, l-awtoritajiet maħtura u l-proċeduri stabbiliti għall-Fond Soċjali Ewropew, sabiex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv marbut mat-tranżizzjoni mill-iskena attwali għad-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni l-iktar fil-bżonn għall-Fond għall-Għajnuna Ewropea lil dawk l-Aktar fil-Bżonn. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-ipprogrammar, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-informazzjoni u l-komunikazzjoni huma, madankollu, razzjonalizzati u ssimplifikati sabiex ikunu proporzjonati mal-ispeċifiċità tal-objettivi u tal-popolazzjonijiet fil-mira tal-Fond.

Ir-regoli ta' eliġibbiltà huma ddisinjati wkoll biex iqisu n-natura tal-Fond u tal-atturi differenti li se jkunu nvoluti fl-implimentazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, ir-Regolament jipprovdi

għal metodi ssimplifikati tal-kost għall-maġġoranza tal-kategoriji tal-infiq u jiftaħ għażliet għall-kategoriji l-oħra.

Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll finanzjarju hija żviluppata wkoll mill-loġika tal-fondi strutturali. Barra minn hekk, xi dispożizzjonijiet ġew adattati u ssimplifikati biex ikunu kompletament adegwati għat-tipi ta' operazzjonijiet li se jkunu appoġġati mill-Fond, b'mod partikolari f'termini ta' prefinanzjament, il-kontenut tal-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet lill-Kummissjoni kif ukoll il-kontroll proporzjonali.

L-organizzazzjonijiet imsieħba għandhom kapaċità limitata biex jagħtu l-fondi neċessarji. Bl-istess mod, l-Istati Membri jista' jkollhom diffikultajiet biex jimmobilizzaw ir-riżorsi neċessarji biex jipprefinanzjaw l-operazzjonijiet. Barra minn hekk, l-Istati Membri li qed jiffaċċjaw l-ikbar restrizzjonijiet fiskali x'aktarx huma dawk bl-akbar għadd ta' persuni li huma l-iktar fil-bżonn. Sabiex tiġi indirizzata din il-qagħda, li tista' tipperikola l-kisba tal-għan tal-Fond, il-livell tal-prefinanzjament huwa stabbilit għal 11 % tal-allokazzjoni totali lil Stat Membru. Dan se jippermetti li jitkoprew id-90% tal-ispejjeż tal-kampanja ta' għajnuna tal-ewwel sena minbarra l-ispejjeż tal-assistenza teknika, tat-trasport tal-ispejjeż amministrattivi u l-miżuri ta' akkumpanjament.

2012/0295 (COD)

Proposal for a

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

(1) B'mod konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, fejn ġiet adottata l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, l-Unjoni u l-Istati Membri stabbilixxew għalihom infushom l-għan li jnaqqsu l-għadd ta' persuni li qegħdin jgħixu fir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun sal-2020**.**

(2) L-għadd ta' persuni li jbatu minn privazzjoni materjal jew saħansitra privazzjoni materjali gravi fl-Unjoni qiegħed jiżdied u dawk il-persuni ta' spiss huma esklużi wisq biex jibbenefikaw mill-miżuri ta' attivazzjoni tar-Regolament (UE) Nru [...CPR], u, b'mod partikolari tar-Regolament (UE) Nru […FSE].

(3) L-Artikolu 174 tat-Trattat jipprovdi li, sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha in ġenerali, l-Unjoni għandha tiżviluppa u ssegwi azzjonijiet li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha.

(4) Il-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (minn hawn il-quddiem il-'Fond') għandu jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali, billi jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar fl-Unjoni billi jsostni skemi nazzjonali li jipprovdu għajnuna mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn l-biex itaffi l-privazzjoni alimentari, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni u l-privazzjoni materjali tat-tfal.

[1] ĠU L , , p. .
[2] ĠU L , , p. .

(5) Skont l-Artikolu 317 tat-Trattat, u fil-kuntest ta’ ġestjoni kondiviża, il-kundizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni teżerċita r-responsabbiltajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għandhom jiġu speċifikati u r-responsabbiltajiet ta’ koperazzjoni mill-Istati Membri għandhom jiġu ċċarati. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jippermettu lill-Kummissjoni tikseb assigurazzjoni li l-Istati Membri qegħdin jużaw il-Fond b’mod legali u regolari u skont il-prinċipju ta’ ġestjoni finanzjarja tajba skont ir-Regolament […] dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn il-quddiem ir-"Regolament Finanzjarju")[3].

(6) Dawk id-dispożizzjonijiet jiżguraw ukoll li l-operazzjonijiet appoġġjati jikkonformaw mal-liġijiet nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, b’mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-prodotti mqassma lill-persuni l-aktar fil-bżonn.

(7) Sabiex tistabbilixxi qafas finanzjarju xieraq, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, analiżi annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru permezz ta’ metodu oġġettiv u trasparenti li jirrifletti d-differenzi f’termini ta’ faqar u ta’ privazzjoni materjali.

(8) Il-programm operattiv ta’ kull Stat Membru għandu jidentifika u jiġġustifika l-forom ta’ privazzjoni materjali li sejrin jiġu indirizzati, u jiddeskrivi l-għanijiet u l-karatteristiċi tal-għajnuna lill-persuni l-aktar fil-bżonn li sejrin jiġu pprovduti permezz tas-sostenn ta’ skemi nazzjonali. Għandu jinkludi wkoll l-elementi neċessarji biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-programm operattiv.

(9) Sabiex tiġi massimizzata l-effikaċja tal-Fond, b’mod partikolari fir-rigward taċ-ċirkostanzi nazzjonali, huwa xieraq li tiġi stabbilita proċedura għall-emenda potenzjali tal-programm operattiv.

(10) L-iskambji ta’ esperjenzi u tal-aħjar prattiki għandhom valur miżjud sinifikanti u l-Kummissjoni għandha tiffaċilita tixrid bħal dan.

(11) Sabiex jimmonitorjaw il-progress tal-implimentazzjoni tal-programmi operattivi, l-Istati Membri għandhom ifasslu u jipprovdu rapporti annwali u finali ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta’ informazzjoni essenzjali u aġġornata. Għall-istess għanijiet, il-Kummissjoni u kullStat Membru għandhom jiltaqgħu kull sena għal reviżjoni bilaterali, minbarra jekk jiftiehmu mod ieħor.

(12) Sabiex tittejjeb il-kwalità u d-disinn ta’ kull programm operattiv u tiġi evalwata l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Fond, għandhom isiru evalwazzjonijiet ex ante u ex post. Dawk l-evalwazzjonijiet għandhom jiġu ssupplimentati minn stħarriġiet fuq il-persuni l-aktar fil-bżonn li bbenefikaw mill-programm operattiv u, jekk meħtieġ, permezz ta’ evalwazzjonijiet matul il-perjodu ta’ programmazzjoni. Ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni f’dan ir-rigward għandhom jiġu speċifikati.

(13) Iċ-ċittadini għandhom id-dritt ikunu jafu kif ir-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni jiġu investiti u b’liema effetti. Bil-għan li jiġi żgurat tixrid wiesa' ta’ informazzjoni dwar il-kisbiet tal-Fond u biex jiġu żgurati l-aċċessibilità u t-trasparenza tal-opportunitajiet ta’

[3] ĠU L p..

finanzjament, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tal-benefiċjarji.

(14) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment ħieles tat-tali data, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data hija applikabbli[4].

(15) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-livell massimu ta' kofinanzjament mill-Fond għall-programmi operattivi biex tipprovdi għal effett multiplikatur tar-riżorsi tal-Unjoni, filwaqt li għandha tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-Istati Membri li qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet baġitarji temporanji.

(16) Regoli uniformi u ekwitabbli dwar il-perjodu ta' eliġibbiltà, l-operazzjonijiet u l-infiq għall-Fond għandhom jiġu applikati fl-Unjoni kollha. Il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandhom jirriflettu n-natura speċifika tal-objettivi tal-Fond u l-popolazzjonijiet fil-mira, b'mod partikolari permezz ta' kundizzjonijiet adegwati ta' eliġibbiltà tal-operazzjonijiet kif ukoll forom ta' appoġġ u regoli u l-kundizzjonijiet ta' rimborż.

(17) [Proposta għal] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (Regolament dwar l-OKS Unika)[5] jipprevedi li prodotti mixtrija bl-intervent tal-pubbliku wieħed jista' jeħles minnhom billi jsiru disponibbli għall-iskema tad-distribuzzjoni għal dawk l-iktar fil-bżonn fl-Unjoni jekk dik l-iskema tipprevedi hekk. Minħabba dan, skont iċ-ċirkostanzi, il-ksib tal-ikel mill-użu, l-ipproċessar jew il-bejgħ ta' stokkijiet bħal dawn jista' jkun ekonomikament l-iktar għażla vijabbli, huwa xieraq li possibilità bħal din tiġi prevista f'dan ir-Regolament. L-ammonti dderivati minn tranżazzjoni li tikkonċerna l-istokkijiet għandhom jintużaw għall-benefiċċju ta' dawk li huma l-iktar fil-bżonn, u m'għandhomx jiġu applikati b'mod li jnaqqsu l-obbligu tal-Istati Membri biex jikkofinanzjaw il-programm. Sabiex ikun żgurat l-iktar użu effiikaċi tal-istokkijiet ta' intervent u l-qligħ minnhom il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-Artikolu 19(e) tar-Regolament (UE) Nru [OKS] tadotta l-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri li bihom il-prodotti fl-istokkijiet ta' intervent jistgħu jintużaw, jiġu pproċessati jew mibjugħa għall-għanijiet tal-programm għal dawk l-aktar fil-bżonn.

(18) Huwa neċessarju li jiġu speċifikati t-tipi ta' azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri bħala għajnuna teknika appoġġjata mill-Fond.

(19) Skont il-prinċipju tal-ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri għandu jkollhom ir-responsabbiltà primarja, permezz tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom, għall-implimentazzjoni u l-kontroll tal-programm operattiv tagħhom.

(20) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri adegwati biex jiggarantixxu l-arranġament u l-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom biex jagħtu

---

4 ĠU L 281, 23.11.1995, p. ..31
5 ĠU L , , p.

assigurazzjoni dwar l-użu legali u regolari tal-Fond. Għalhekk, l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm operattiv tagħhom, u fir-rigward tal-prevenzjoni, l-iskoperta u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u ksur tal-liġi tal-Unjoni għandhom jiġu speċifikati.

(21) L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità maniġerjali, awtorità ta' ċertifikazzjoni u awtorità funzjonalment indipendenti tal-awditjar għall-programm operattiv tagħhom. Biex ikun hemm flessibilità għall-Istati Membri fl-istabbiliment tas-sistemi ta' kontroll, huwa xieraq li tiġi pprovduta l-għażla li l-funzjonijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni jitwettqu mill-awtorità maniġerjali. L-Istati Membri għandu jitħalla wkoll jinnomina korpi intermedji sabiex iwettqu ċerti kompiti tal-awtorità maniġerjali jew tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni. L-Istati Membri għandu f'dak il-każ jistabbilixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet rispettivi tagħhom.

(22) L-awtorità maniġerjali għandha r-responsabbiltà ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva u effikaċi tal-Fond u b'hekk tissodisfa għadd sostanzjali ta' funzjonijiet relatati mal-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-programm operattiv, il-ġestjoni u l-kontrolli finanzjarji kif ukoll l-għażla tal-proġett. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti.

(23) L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni applikazzjonijiet għall-ħlas. Għandha tfassal il-kontijiet annwali, tiċċertifika l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali u li n-nefqa mdaħħla fil-kontijiet hija konformi mar-regoli nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti.

(24) (24) L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li jsiru eżerċizzji ta' awditjar fuq is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, fuq kampjun xieraq ta' operazzjonijiet u fuq il-kontijiet annwali. Ir-responsabbiltajiet u l-funzjonijiet tagħha għandhom jiġu stabbiliti.

(25) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontroll finanzjarju, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandha tiġi żgurata u għandhom jiġu stabbiliti kriterji li jippermettu lill-Kummissjoni li, fil-kuntest tal-istrateġija tagħha ta' kontroll tas-sistemi nazzjonali, tiddetermina l-livell ta' assigurazzjoni li għandha tikseb mill-korpi nazzjonali tal-awditjar.

(26) Is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni biex tivverifika l-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, u biex titlob azzjoni minn Stat Membru, għandhom jiġu stabbiliti. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll is-setgħa li twettaq eżerċizzji ta' awditjar iffukati fuq kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja tajba sabiex tiġbed konklużjonijiet dwar il-prestazzjoni tal-Fond.

(27) L-impenji baġitarji tal-Unjoni għandhom isiru kull sena. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effettiva tal-programm, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni għal talbiet interim għall-ħlas, għall-ħlas tal-bilanċ annwali u tal-bilanċ finali.

(28) Sabiex tiġi żgurata assigurazzjoni raġonevoli għall-Kummissjoni, l-applikazzjoni għal ħlas interim għandu jitħallas lura b'rata ta' 90% tal-infiq eliġibbli nkluż fl-applikazzjoni għall-ħlas.

(29) Prefinanzjament fil-bidu tal-programm operattiv għandu jiżgura li l-Istat Membru għandu l-mezzi biex jipprovdi appoġġ lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet mill-adozzjoni tal-programm operattiv. Dan il-prefinanzjament għandu jintuża esklussivament għal dan il-għan u l-benefiċjarji għandhom jirċievu biżżejjed fondi biex jibdew operazzjoni meta tintgħażel.

(30) Sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandu jkun hemm miżuri limitati fiż-żmien li jippermettu li b'delega, l-uffiċjal li jawtorizza jinterrompi ħlasijiet fejn ikun hemm evidenza li tissuġġerixxi nuqqas sinifikanti fil-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, evidenza ta' irregolaritajiet marbuta ma' applikazzjoni għal ħlas, jew nuqqas li jiġu sottomessi dokumenti għall-fini tal-eżaminazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

(31) Sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiġu pprovduti l-mezzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-programm, għandu jkun hemm miżuri li jippermettu s-sospensjoni ta' ħlasijiet mill-Kummissjoni.

(32) Sabiex jiġi żgurat li n-nefqa ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni f'sena finanzjarja partikolari tintuża skont ir-regoli applikabbli, għandu jinħoloq qafas xieraq għall-eżaminazzjoni u l-aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet. Taħt dan il-qafas, il-korpi nnominati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-programm operattiv, dikjarazzjoni tal-ġestjoni akkumpanjata mill-kontijiet annwali ċċertifikati, sintesi annwali tar-rapporti tal-awditjar finali u tal-kontrolli li jkunu twettqu u opinjoni indipendenti tal-awditjar u rapport ta' kontroll.

(33) Huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-proċedura dettaljata għall-eżaminazzjoni u aċċettazzjoni annwali tal-kontijiet applikabbli għall-Fond biex tiġi żgurata bażi ċara u ċertezza legali għal dawk l-arranġamenti. Huwa importanti li tiġi prevista l-possibbiltà limitata għall-Istat Membru li jiddefinixxi dispożizzjoni fil-kontijiet annwali tiegħu għal ammont, li jkun soġġett għal proċedura li tkun għaddejja mal-awtorità tal-awditjar.

(34) Sabiex il-baġit tal-Unjoni jiġi salvagwardjat, u biex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-Istati Membri, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-arranġamenti u l-proċeduri speċifiċi għal korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, u b'mod partikolari jiġu definiti ċ-ċirkostanzi skont liema, il-ksur tal-liġi applikabbli nazzjonali jew tal-Unjoni jistgħu jwasslu għal korrezzjoni finanzjarja.

(35) Il-frekwenza tal-eżerċizzji ta' awditjar fuq l-operazzjonijiet għandha tkun proporzjonata mal-livell ta' sostenn tal-Unjoni mill-Fond. B'mod partikolari, l-għadd ta' eżerċizzji ta' awditjar li jsiru għandu jitnaqqas fejn in-nefqa totali eliġibbli għal operazzjoni ma taqbiżx l-EUR 100 000. Madankollu, għandu jkun possibbli li jsiru eżerċizzji ta' awditjar fi kwalunkwe ħin fejn ikun hemm evidenza ta' irregolarità jew ta' frodi, jew bħala parti minn kampjun ta' awditjar. Sabiex il-livell ta' awditjar mill-Kummissjoni jkun proporzjonat mar-riskju, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tnaqqas ix-xogħol ta' awditjar tagħha fir-rigward ta' programmi operattivi fejn ma jkunx hemm nuqqasijiet sinifikanti jew fejn l-awtorità tal-awditjar tista' tiġi invokata. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżerċizzji ta' awditjar għandu jikkunsidra bis-sħiħ l-objettiv u l-karatteristiċi tal-popolazzjonijiet fil-mira tal-Fond.

(36) Sabiex tiġi żgurata d-dixxiplina finanzjarja, huwa xieraq li jiġu definiti l-arranġamenti għad-diżimpenn ta' xi parti mill-impenn baġitarju fi programm operattiv, b'mod partikolari meta ammont jista' jiġi eskluż mid-diżimpenn, b'mod partikolari meta dewmien fl-implementazzjoni jirriżulta minn ċirkostanzi li jkunu indipendenti mill-parti kkonċernata, li jkunu abnormali jew imprevedibbli u li l-konsegwenzi tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu evitati minkejja d-diliġenza murija.

(37) Sabiex tissupplimenta u temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri dwar il-proċedura għar-rapportar ta' irregolaritajiet u l-irkupru ta' somom imħallsa bi żball, il-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni tal-operazzjonijiet, l-arranġamenti għar-rekord adegwat għall-verifika, il-kundizzjonijiet tal-awditjar nazzjonali, il-kriterji ta' deżinjazzjoni għall-awtoritajiet ta' ġestjoni u għall-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-identifikazzjoni ta' mezzi aċċettati b'mod komuni għaż-żamma tad-dejta, u l-kriterji għall-istabbiliment tal-livell ta' korrezzjoni finanzjarja li għandhom jiġu applikati. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq l-konsultazzjonijiet xierqa tul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.

(38) Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(39) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-analiżi annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru, deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-allokazzjonijiet finanzjarji annwali għal kull Stat Membru, deċiżjonijiet li jadottaw programmi operattivi, deċiżjonijiet li jissospendu ħlasijiet, deċiżjonijiet dwar korrezzjonijiet finanzjarji u, fil-każ ta' diżimpenn, deċiżjonijiet li jemendaw programmi li jadottaw deċiżjonijiet.

(40) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-mudell tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni u l-lista ta' indikaturi komuni, il-mudell għall-istħarriġ strutturat dwar il-benefiċjarji finali, is-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni, il-mudell tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, il-mudelli għall-istrateġija ta' awditjar, ir-rapport annwali tal-kontrolli u l-opinjoni u l-metodoloġija għall-metodu ta' kampjunar, ir-regoli dwar l-użu ta' dejta miġbura matul l-eżerċizzji ta' awditjar, u l-mudell għall-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni[6].

(41) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittjiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inklużi r-rispett għad-dinjità tal-bniedem u għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-anzjani, l-

[6] ĠU L 55, 28.2.2011, p.13.

ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

(42) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-titjib tal-koeżjoni soċjali fl-Unjoni u l-kontribuzzjoni għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn dak li huwa neċessarju biex dak l-objettiv jintlaħaq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I. DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (minn hawn 'il quddiem "il-Fond") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 u jiddetermina l-għanijiet tal-Fond, il-kamp ta' applikazzjoni tas-sostenn tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-kriterji għall-allokazzjoni tagħhom u jistabbilixxi r-regoli neċessarji biex jiżguraw l-effikaċja tal-Fond.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "persuni l-aktar fil-bżonn" tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk individwi, familji, unitajiet domestiċi jew gruppi magħmula minn persuni bħal dawn, li l-bżonn tagħhom għall-assistenza ġie stabbilit skont il-kriterji oġġettivi adottati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, jew definiti mill-organizzazzjonijiet imsieħba u li huma approvati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti;

(2) "organizzazzjonijiet imsieħba" tfisser korpi pubbliċi jew organizzazzjonijiet li ma jaħdmux għall-qligħ li jwasslu l-ikel jew il-prodotti direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet imsieħba oħra lill-persuni l-aktar fil-bżonn, u li l-operazzjonijiet tagħhom intgħażlu mill-awtorita ta' ġestjoni skont l-Artikolu 29(3)(b);

(3) "skemi nazzjonali" tfisser kull skema implimentata li jkollha, għall-inqas parzjalment, l-istess objettivi bħall-Fond u li tkun qed tiġi implimentata fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, minn korpi pubbliċi jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;

(4) “operazzjoni” tfisser proġett, kuntratt jew azzjoni magħżula mill-awtorità maniġerjali tal-programm operattiv ikkonċernat, jew taħt ir-responsabbiltà tagħha, li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-programm operattiv li miegħu għandha x’taqsam;

(5) “operazzjoni kompluta” tfisser operazzjoni li ġiet fiżikament ikkompletata jew li ġiet implimentata għal kollox u li dwarha l-pagamenti relatati kollha jkunu saru mill-benefiċjarji u s-sostenn mill-programm operattiv korrispondenti jkun tħallas lill-benefiċjarji;

(6) “benefiċjarju” tfisser korp pubbliku jew privat responsabbli mill-bidu jew mill-bidu u l-implimentazzjoni ta’ operazzjonijiet;

(7) “riċevitur aħħari” tfisser l-iktar persuni fil-bżonn li jirċievu l-ikel jew il-prodotti u/jew li jibbenefikaw mill-miżuri ta’ sostenn;

(8) “sostenn pubbliku” tfisser kull sostenn finanzjarju mogħti għal operazzjoni li toriġina mill-baġit ta’ awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali jew lokali, mill-baġit tal-Unjoni relatat mal-Fond, mill-baġit ta’ korpi regolati mid-dritt pubbliku jew mill-baġit ta’ assoċjazzjonijiet ta’ awtoritajiet pubbliċi jew korpi regolati mid-dritt pubbliku fi ħdan it-tifsira tal-

(9) “Artikolu 1 (9) tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; “korp intermedjarju” tfisser kwalunkwe korp pubbliku jew privat li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta’ awtorità maniġerjali jew ta’ ċertifikazzjoni, jew li jwettaq dmirijiet għan-nom ta’ awtorità bħal din fir-rigward ta’ operazzjonijiet ta’ implimentazzjoni ta’ benefiċjarji;

(10) “sena ta’ kontabilità” tfisser il-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta’ Ġunju, ħlief għall-ewwel sena ta’ kontabilità, li fir-rigward tagħha tfisser il-perjodu mid-data tal-bidu għall-eliġibbiltà tan-nefqa sat-30 ta' Ġunju 2015, is-sena finali ta’ kontabilità għandha tkun mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023;

(11) “sena finanzjarja” tfisser il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta’ Diċembru.

Artikolu 3

Objettivi

2. Il-Fond għandu jippromwovi l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni billi jikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira tat-tnaqqis tal-faqar ta’ mill-inqas 20 miljun mill-għadd ta’ persuni fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali skont l-istrateġija Ewropa 2020.Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv speċifiku li jtaffi l-agħar forom ta’ faqar fl-Unjoni billi jipprovdi għajnuna mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn. Dan l-objettiv għandu jitkejjel skont l-għadd ta’ persuni li jirċievu assistenza mill-Fond.

Artikolu 4

Kamp ta' applikazzjoni tas-sostenn

1. Il-Fond għandu jappoġġja skemi nazzjonali ta' sostenn fejn prodotti tal-ikel u prodotti bażiċi għall-konsumatur għall-użu personali ta' persuni jew tat-tfal mingħajr akkomodazzjoni jitqassmu lill-persuni l-aktar fil-bżonn permezz ta' organizzazzjonijiet imsieħba magħżula mill-Istati Membri.

2. Il-Fond jista' jappoġġja miżuri ta' sostenn, li jikkumplimentaw l-għoti ta' ikel u ta' prodotti, li jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.

3. Il-Fond għandu jippromwovi t-tagħlim reċiproku, in-netwerking u t-tixrid ta' prattiki tajba fil-qasam ta' għajnuna mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn.

Artikolu 5

Prinċipji

(1) Il-parti tal-baġit tal-Unjoni allokata għall-Fond għandha tiġi implimentata fil-qafas ta' ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 55 (1)(b) tar-Regolament Finanzjarju, bl-eċċezzjoni ta' għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, li għandu jiġi implimentat fil-qafas tal-ġestjoni diretta skont l-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

(2) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sostenn mill-Fond ikun konsistenti mal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni u jkun kumplimentari mal-istrumenti l-oħrajn tal-Unjoni.

(3) Is-sostenn mill-Fond għandu jiġi implimentat b'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

(4) L-Istati Membri u l-korpi nnominati minnhom għal dak l-iskop għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi operattivi u tat-twettiq tal-kompiti tagħhom taħt dan ir-Regolament skont il-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istat Membru u soġġetti għal konformità ma' dan ir-Regolament.

(5) L-arranġamenti għall-użu tal-Fond, u b'mod partikolari r-riżorsi finanzjarji u amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Fond, fir-rigward tal-rapportar, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll għandhom iqisu l-prinċipju ta' proporzjonalità waqt li jikkunsidraw il-livell ta' sostenn allokat.

(6) Skont ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni mal-Fond Soċjali Ewropew, u mal-politiki u l-istrumenti l-oħra tal-Unjoni.

(7) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom japplikaw il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba skont l-Artikolu 26 tar-Regolament Finanzjarju.

(8) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-effikaċja tal-Fond, b'mod partikolari permezz ta' monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni.

(9) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iwettqu r-rwoli rispettivi tagħhom fir-rigward tal-Fond bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji.

(10) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi jiġu promossi matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-Fond. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu passi xierqa sabiex jipprevjenu kull diskriminazzjoni bbażata fuq sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età, jew orjentazzjoni sesswali fil-kisba tal-aċċess għall-Fond.

(11) L-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond għandhom ikunu konformi mal-liġi applikabbli nazzjonali u tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-Fond jista' jintuża biss biex jappoġġja d-distribuzzjoni ta' ikel jew ta' prodotti li huma f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur.

(12) L-Istati Membri u l-benefiċjarji għandhom jagħżlu l-prodotti tal-ikel u l-prodotti għall-persuni jew għat-tfal mingħajr akkomodazzjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi. Il-kriterji tal-għażla għall-prodotti tal-ikel, u fejn jixraq għall-prodotti sejrin iqisu wkoll l-aspetti klimatiċi u ambjentali, b'mod partikolari bil-għan tat-tnaqqis tal-iskart mill-ikel.

TITOLU II RIŻORSI U PROGRAMMAZZJONI

Artikolu 6

Riżorsi globali

1. Ir-riżorsi globali disponibbli għall-impenn baġitarju mill-Fond għall-perjodu 2014-2020 għandhom ikunu ta' EUR 2 500 000 000 skont il-prezzijiet tal-2011, skont it-tqassim annwali stabbilit fl-Anness II.

2. Għall-finijiet ta' programmazzjoni u l-inklużjoni sussegwenti fil-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-ammont ta' riżorsi għandu jiġi indiċizzat għal 2% kull sena.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi l-analiżi annwali tar-riżorsi globali għal kull Stat Membru, skont l-Artikolu 84 (5) tar-Regolament (UE) Nru… (CPR), mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu l-indikaturi li ġejjin stabbiliti mill-Eurostat:

(a) il-popolazzjoni li tbati minn privazzjoni materjali severa;

(b) il-popolazzjoni li tgħix fi djarb'intensità tax-xogħol vera baxxa.

4. 0,35% tar-riżorsi globali għandhom jiġu allokati għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Artikolu 7

Programm Operattiv

1. Kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni programm operattiv, li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, li jkun fih dawn l-punti li ġejjin:

(a) identifikazzjoni ta' u ġustifikazzjoni biex jintgħażel/jintgħażlu t-tip(i) ta' privazzjoni materjali li għanduhom jiġijiġu indirizzat(i) skont il-programm operattiv u deskrizzjoni għal kull tip ta' privazzjoni materjali indirizzata, tal-karatteristiċi ewlenin u l-għanijiet tad-distribuzzjoni tal-ikel jew ta' prodotti u l-miżuri ta' sostenn li għandhom jiġu pprovduti, waqt li jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-evalwazzjoni *ex ante* mwettqa skont l-Artikolu 14;

(b) deskrizzjoni tal-iskema(i) nazzjonali korrispondenti għal kull tip ta' privazzjoni materjali indirizzata;

(c) deskrizzjoni tal-mekkaniżmu li jistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-persuni l-aktar fil-bżonn, differenzjati jekk neċessarju skont it-tip ta' privazzjoni materjali indirizzata;

(d) il-kriterji għall-għażla ta' operazzjonijiet u deskrizzjoni tal-mekkaniżmu tal-għażla differenzjati jekk neċessarju skont it-tip ta' privazzjoni materjali indirizzata;

(e) il-kriterji għall-għażla tal-organizzazzjonijiet imsieħba differenzjati jekk neċessarju skont it-tip ta' privazzjoni materjali indirizzata:

(f) deskrizzjoni tal-mekkaniżmu użat biex jiżgura l-kumplimentarjetà mal-Fond Soċjali Ewropew;

(g) deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-programm operattiv li jkun fiha l-identifikazzjoni tal-awtorità maniġerjali, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni fejn applikabbli, l-awtorità tal-awditjar u l-korp li lilu għandhom isiru l-ħlasijiet mill-Kummissjoni u deskrizzjonital-proċedura ta' monitoraġġ;

(h) deskrizzjoni tal-miżuri meħuda biex jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, kif ukoll korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fit-tħejjija tal-programm operattiv;

(i) deskrizzjoni tal-użu ppjanat ta' għajnuna teknika skont l-Artikolu 25 (2), inkluż azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-benefiċjarji fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm operattiv;

(j) pjan ta' finanzjament li jkun fih żewġ tabelli li ġejjin

(i) tabella li tispeċifika għal kull sena skont l-Artikolu 18, l-ammont tal-approprjazzjoni finanzjarja maħsuba għal sostenn mill-Fond u l-kofinanzjament skont l-Artikolu 18;

(ii) tabella li tispeċifika, għall-perjodu sħiħ ta' programmazzjoni, l-ammont tal-approprjazzjoni totali finanzjarja fir-rigward tas-sostenn mill-programm operattiv għal kull tip ta' privazzjoni materjali indirizzata kif ukoll il-miżuri korrispondenti ta' sostenn.

L-organizzazzjonijiet imsieħba msemmija fil-punt (e) li jwasslu l-ikel jew il-prodotti direttament għandhom jimpenjaw ruħhom b'attivitajiet li jikkumplimentaw il-provvista tal-għajnuna materjali, li jimmiraw għall-inklużjoni soċjali tal-persuni l-iktar fil-bżonn, kemm jekk dawn l-attivitajiet huma appoġġjati mill-Fond u kemm jekk le.

2. Il-programmi operattivi għandhom jitfasslu mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe awtorità maħtura minnhom f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti u awtoritajiet pubbliċi oħra kif ukoll il-korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili u l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jabbozzaw il-programmi operattivi skont il-mudell stabbilit fl-Anness I.

Artikolu 8

L-adozzjoni tal-programm operattiv

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konsistenza tal-programm operattiv ma' dan ir-Regolament u l-kontribut tiegħu lejn l-objettivi tal-Fond, b'kunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni *ex ante* mwettqa skont l-Artikolu 14.

2. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien tliet xhur mid-data tas-sottomissjoni tal-programm operattiv. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, għandu jirrevedi l-programm operattiv propost.

3. Sakemm kull osservazzjoni li ssir mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2 tkun ġiet ikkunsidrata b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova l-programm operattiv mhux iktar minn sitt xhur wara s-sottomissjoni formali tiegħu mill-Istat Membru, iżda mhux qabel l-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 9

Emendi għall-programm operattiv

1. Stat Membru jista' jissottometti talba għalemenda tal-programm operattiv .Din għandha tkun akkumpanjata mill-programm operattiv rivedut u l-ġustifikazzjoni għall-emenda.

2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Istat Membru. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet u l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova l-emenda ta' programm operattiv mhux aktar tard minn ħames xhur wara s-sottomissjoni formali tagħhom mill-Istat Membru sakemm kull osservazzjoni li ssir mill-Kummissjoni tkun ġiet ikkunsidrata b'mod sodisfaċenti.

Artikolu 10

Pjattaforma

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma fuq livell tal-UE biex tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza, il-bini tal-kapaċità u ta' netwerking, kif ukoll it-tixrid tar-riżultati rilevanti fil-qasam ta' għajnuna mhux finanzjarja lill-persuni l-aktar fil-bżonn.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, mill-inqas darba fis-sena, mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-organizzazzjonijiet imsieħba fuq livell tal-Unjoni dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-Fond.

TITOLU III MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI, INFORMAZZJONI U KOMUNIKAZZJONI

Artikolu 11

Rapporti ta' implimentazzjoni u indikaturi

1. Mill-2015 sal-2022, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, rapport annwali ta' implimentazzjoni għall-programm operattiv matul is-sena finanzjarja preċedenti.

2. L-Istati Membri għandhom jabbozzaw ir-rapport annwali ta' implimentazzjoni skont il-mudell adottat mill-Kummissjoni, inkluż il-lista tal-indikaturi komuni tal-input u tar-riżultat.

3. Ir-rapporti annwali ta’ implimentazzjoni għandhom ikunu ammissibbli meta jkun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-mudell imsemmi fil-paragrafu 2, inkluż l-indikaturi komuni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol mid-data li fiha tkun irċeviet ir-rapport ta’ implimentazzjoni annwali jekk dan ma jkunx ammissibbli. Meta l-Kummissjoni tonqos milli tibgħat dik l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien, ir-rapport għandu jitqies bħala ammissibbli.

4. Il-Kummissjoni teżamina r-rapport annwali ta’ implimentazzjoni u tinforma lill-Istat Membru bl-osservazzjonijiet tagħha fi żmien xahrejn mill-wasla tar-rapport annwali ta’ implimentazzjoni. Meta l-Kummissjoni ma tipprovdix osservazzjonijiet fi żmien dawn id-dati ta’ skadenzi, ir-rapporti għandhom jitqiesu bħala aċċettati.

5. L-Istat Membru għandu jippreżenta rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm operattiv sat-30 ta' Settembru 2023. L-Istati Membri għandhom jabbozzaw ir-rapport finali ta’ implimentazzjoni skont il-mudell adottat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapport finali ta’ implimentazzjoni u tinforma lill-Istat Membru bl-osservazzjonijiet tagħha fi żmien ħames xhur mill-wasla tar-rapport finali. Meta l-Kummissjoni ma tipprovdix osservazzjonijiet fi żmien dawn id-dati ta’ skadenzi, ir-rapporti għandhom jitqiesu bħala aċċettati.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-mudell għar-rapport annwali ta’ implimentazzjoni, inkluża l-lista ta’ indikaturi komuni u għar-rapport finali ta’ implimentazzjoni permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni. Dan l-att ta’ implimentazzjoni għandu jkun adottat skont il-proċedura ta’ konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 60(2)

7. Il-Kummissjoni tista’ tindirizza xi osservazzjonijiet lil Stat Membru dwar l-implimentazzjoni tal-programm operattiv. L-awtorità maniġerjali għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur bil-miżuri korrettivi li jkunu ttieħdu.

8. L-awtorità maniġerjali għandha tippubblika sommarju tal-kontenut ta’ kull rapport ta’ implimentazzjoni annwali u finali.

Artikolu 12

Laqgħa bilaterali ta’ reviżjoni

1. Il-Kummissjoni u kull Istat Membru għandhom jiltaqgħu kull sena mill-2014 sal-2022, sakemm ma jiġix miftiehem b’mod ieħor, biex jeżaminaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm operattiv, b’kunsiderazzjoni tar-rapport annwali ta’ implimentazzjoni u l-osservazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(7), fejn applikabbli.

2. Il-laqgħa bilaterali ta’ reviżjoni għandha tiġi ppreseduta mill-Kummissjoni.

3. L-Istat Membru għandu jiżgura li jingħata segwitu xieraq lil kull kumment tal-Kummissjoni wara l-laqgħa.

Artikolu 13

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-evalwazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tal-evalwazzjonijiet, u għandhom jiżguraw li jkun hemm proċeduri fis-seħħ biex jipproduċu u jiġbru d-dejta meħtieġa għall-evalwazzjonijiet, inkluż dejta relatata mal-indikaturi komuni msemmija fl-Artikolu 11.

2. L-evalwazzjonijiet għandhom isiru minn esperti li huma funzjonalment indipendenti mill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm operattiv.

3. L-evalwazzjonijiet kollha għandhom jiġu ppubblikati fl-intier tagħhom.

Artikolu 14

Evalwazzjoni *ex ante*

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjoni *ex ante* tal-programm operattiv.

2. L-evalwazzjoni *ex ante* għandha ssir taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità responsabbli mit-tħejjija tal-programmi operattivi. Din għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni flimkien mal-programm operattiv, flimkien ma' sommarju eżekuttiv.

3. Evalwazzjonijiet *ex ante* għandhom jevalwaw l-elementi li ġejjin:

(a) il-kontribuzzjoni għall-objettiv tal-Unjoni li tnaqqas l-għadd ta' persuni li jinsabu fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali b'mill-inqas 20 miljun sal-2020, wara kunsiderazzjoni tat-tip ta' privazzjoni materjali magħżula li għandha tiġi indirizzata, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi nazzjonali f'termini ta' faqar u esklużjoni soċjali u deprivazzjoni materjali;

(b) il-koerenza interna tal-programm operattiv propost u r-relazzjoni tiegħu ma' strumenti finanzjarji rilevanti oħra;

(c) il-konsistenza tal-allokazzjoni ta' riżorsi baġitarji mal-għanijiet tal-programm operattiv;

(d) il-kontribut tal-prestazzjoni mistennija għar-riżultati;

(e) l-adegwatezza tal-proċeduri għall-monitoraġġ tal-programm operattiv u għall-ġbir tad-dejta meħtieġa biex isiru l-evalwazzjonijiet;

Artikolu 15

Evalwazzjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni

1. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni, l-awtorità maniġerjali tista' twettaq evalwazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-effikaċja u l-effiċjenza tal-programm operattiv.

2. L-awtorità maniġerjali għandha twettaq stħarriġ strutturat dwar il-benefiċjarji finali fl-2017 u fl-2021, skont il-mudell ipprovdut mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-mudell permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 60(2).

3. Il-Kummissjoni tista' twettaq, fuq inizjattiva tagħha stess, evalwazzjoni tal-programmi operattivi.

Artikolu 16

Evalwazzjoni ex post

4. Fuq l-inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-Kummissjoni għandha twettaq, bl-għajnuna ta' esperti esterni, evalwazzjoni ex-post biex tevalwaa l-effikaċja u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba kif ukoll biex tkejjel il-valur miżjud tal-Fond. Din l-evalwazzjoni ex-post għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Artikolu 17

Informazzjoni u komunikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar u jippromwovu l-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond. L-informazzjoni għandha tkun indirizzata lill-persuni l-aktar fil-bżonn, lill-midja u lill-pubbliku in ġenerali. Għandha tenfasizza r-rwol tal-Unjoni u għandha tiżgura li l-kontribuzzjoni mill-Fond tkun viżibbli.

2. L-awtorità maniġerjali għandha, sabiex tiżgura t-trasparenza fis-sostenn tal-Fond, iżżomm lista ta' operazzjonijiet sostnuti mill-Fond f'format CSV jew XML li għandha tkun aċċessibbli permezz ta' websajt. Il-lista għandha mill-inqas tinkludi informazzjoni dwar l-isem tal-benefiċjarju, l-indirizz tiegħu u l-ammont ta' finanzjament tal-Unjoni allokat kif ukoll it-tip ta' privazzjoni materjali indirizzata.

   Il-lista tal-operazzjonijiet għandha tiġi aġġornata mill-inqas kull sena.

3. Matul l-implimentazzjoni ta' operazzjoni, il-benefiċjarji u l-organizzazzjonijiet imsieħba għandhom jinfurmaw lill-pubbliku dwar is-sostenn mill-Fond billi jqiegħdu mill-inqas poster wieħed b'informazzjoni dwar l-operazzjoni (daqs minimu ta' A3), inkluż dwar is-sostenn finanzjarju mill-Unjoni, f'post faċilment viżibbli għall-

pubbliku, f'kull post fejn jiġi pprovdut l-ikel, il-prodotti u kull miżura ta' sostenn, ħlief jekk dan ma jkunx possibbli minħabba ċ-ċirkostanzi tad-distribuzzjoni.

Dawk il-benefiċjarji u l-organizzazzjonijiet imsieħba li għandhom websajts għandhom jipprovdu wkoll deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, inklużi l-għanijiet u r-riżultati tagħha, u jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni.

4. Il-miżuri kollha ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni li ttieħdu mill-benefiċjarju u mill-organizzazzjonijiet imsieħba għandhom jirrikonoxxu s-sostenn mill-Fond għall-operazzjoni billi juru l-emblema tal-Unjoni flimkien ma' referenza għall-Unjoni u l-Fond.

5. L-awtorità maniġerjali għandha tinforma lill-benefiċjarji bil-pubblikazzjoni tal-lista ta' operazzjonijiet skont il-paragrafu 2. L-awtorità maniġerjali għandha tipprovdi kitts ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, inkluż mudelli f'format elettroniku, biex tgħin lill-benefiċjarji u lill-organizzazzjonijiet imsieħba jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif stabbiliti fil-paragrafu 3.

6. Fl-ipproċessar tad-dejta personali skont dan l-Artikolu, l-awtorità maniġerjali kif ukoll il-benefiċjarji u l-organizzazzjonijiet imsieħba għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 95/46/KE.

TITOLU IV APPOĠĠ FINANZJARJU MILL-FOND

Artikolu 18

Kofinanzjament

1. Ir-rata ta' kofinanzjament fil-livell tal-programm operattiv ma għandhiex tkun ogħla minn 85% tan-nefqa pubblika eliġibbli.

2. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta programm operattiv għandha tiffissa r-rata ta' kofinanzjament applikabbli għall-programm operattiv u l-ammont massimu ta' għajnuna mill-Fond.

3. Il-miżuri ta' għajnuna teknika implementati fuq l-inizjattiva ta', jew f'isem, il-Kummissjoni jistgħu jiġu finanzjati bir-rata ta' 100 %.

Artikolu 19

Żieda fil-ħlasijiet għall-Istati Membri b'diffikultajiet baġitarji temporanji

1. Fuq talba ta' Stat Membru, ħlasijiet interim u ħlasijiet tal-bilanċ finali jistgħu jiżdiedu b'10 punti perċentwali aktar mir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għall-programm operattiv. Ir-rata miżjuda, li ma tistax taqbeż il-100%, għandha tapplika għal talbiet għall-ħlas relatat mal-perjodu ta' kontabilità li fih l-Istat Membru jkun

ippreżenta t-talba tiegħu u perjodi sussegwenti ta' kontabilità li matulhom l-Istat Membru jkun issodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta l-euro, jirċievi għajnuna makrofinanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 407/2010[7];

(b) fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx adotta l-euro, jirċievi għajnuna finanzjarja fuq perjodu ta' żmien medju skont ir-Regolament (KE) Nru 332/2002[8];

(c) għajnuna finanzjarja ssir disponibbli għalih skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' ħlasijiet interim u ħlasijiet tal-bilanċ finali ma għandux ikun ogħla mis-sostenn pubbliku u l-ammont massimu ta' appoġġ mill-Fond, kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operattiv.

Artikolu 20

Perjodu ta' eliġibbiltà

1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal sostenn mill-programm operattiv issir u titħallas mill-benefiċjarju bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2022.

2. Operazzjonijiet ma għandhomx jintgħażlu għal appoġġ mill-programm operattiv meta jkunu tlestew fiżikament jew meta jkunu ġew kompletament implimentati qabel ma l-applikazzjoni għall-finanzjament skont il-programm operattiv tkun ġiet ippreżentata mill-benefiċjarju lill-awtorità maniġerjali, irrispettivament minn jekk il-ħlasijiet kollha relatati jkunu saru mill-benefiċjarju.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-eliġibbiltà ta' għajnuna teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 25.

4. Fil-każ ta' emenda ta' programm operattiv, in-nefqa li ssir eliġibbli minħabba l-emenda għall-programm operattiv għandha tkun eliġibbli biss mid-data ta' sottomissjoni tat-talba għall-emenda lill-Kummissjoni.

Artikolu 21

Eliġibbiltà ta' operazzjonijiet

1. Operazzjonijiet appoġġati mill-programm operattiv għandhom ikunu jinstabu fl-Istat Membru kopert mill-programm operattiv.

---

7 ĠU L 118, 12.5.2010, p.1.

8 ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.

2. Operazzjonijiet jistgħu jirċievu appoġġ mill-programm operattiv, sakemm dawn ikunu ġew magħżula skont proċedura ġusta u trasparenti, abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-programm operattiv.

3. L-ikel u l-prodotti għall-persuni jew għat-tfal mingħajr akkomodazzjoni jistgħu jinxtraw mill-organizzazzjonijiet imsieħba nfushom.

Jistgħu jinxtraw ukoll minn korp pubbliku u jsiru disponibbli bla ħlas mill-organizzazzjonijiet imsieħba. F'dak il-każ, l-ikel jista' jinkiseb mill-użu, l-ipproċessar, jew il-bejgħ ta' prodotti fl-istokkijiet ta' intervent li jkunu saru disponibbli skont l-Artikolu 15 tar-Regolament(UE) Nru [OSK] sakemm din tkun l-għażla l-iktar favorevoli mil-lat ekonomiku u ma ddewwimx bla bażonn it-twassil tal-prodotti tal-ikel lill-organizzazzjonijiet imsieħba. Kull ammont dderivat minn tranżazzjoni fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet għandu jintuża għall-benefiċċju tal-persuni l-iktar fil-bżonn, u m'għandux jiġi applikat biex inaqqas l-obbligu tal-Istati Membri, previst fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, biex jikkofinanzja l-programm.

Il-Kummissjoni sejra tapplika l-proċeduri adottati skont l-Artikolu 19(e) tar-Regolament (UE) Nru [OSK] skont liema l-prodotti fl-istokkijiet ta' intervent jistgħu jintużaw, jiġu ppročessati jew mibjugħa għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, sabiex ikun żgurat l-użu l-iktar effiċjenti tal-istokkijiet ta' intervent u l-qligħ minnhom..

4. Dik l-għajnuna materjali għandha titqassam b'xejn lill-persuni l-aktar fil-bżonn.

5. Operazzjoni appoġġjata mill-Fond ma għandhiex tirċievi appoġġ minn strument ieħor tal-Unjoni.

Artikolu 22

Forom ta' appoġġ

Il-Fond għandu jintuża minn Stati Membri biex jipprovdi appoġġ fil-forom ta'għotjiet, xiri jew kumbinazzjoni tagħhom.

Artikolu 23

Forom ta' għotjiet

1. Għotjiet jistgħu jieħdu l-forom li ġejjin:

(a) rimborż ta' spejjeż eliġibbli verament imġarrba u mħallsa;

(b) rimborż abbażi ta' spejjeż għal kull unità;

(c) somom f'daqqa li ma jaqbżux l-EUR 100 000 ta' sostenn pubbliku;

(d) finanzjament b'rata fissa, iddeterminat permezz tal-applikazzjoni ta' perċentwali għal kategoriji ta' spejjeż waħda jew aktar.

2. L-għażliet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu kkombinati biss fejn kull waħda tiġi applikata għal kategoriji differenti ta' spejjeż jew fejn dawn jintużaw għal fażijiet suċċessivi ta' operazzjoni.

3. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1(b), (c) u (d) għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta':

(a) metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) dejta statistika jew informazzjoni oġġettiva oħra; jew

(ii) id-dejta storika vverifikata ta' benefiċjarji individwali jew l-applikazzjoni tal-prattiki ta' kontabilità tal-ispejjeż tas-soltu tagħhom;

(b) il-metodi u l-ispejjeż korrispondenti għal kull unità, somom f'daqqa u finanzjament b'rata fissa applikati taħt skemi għall-għotjiet iffinanzjati kompletament mill-Istat Membru kkonċernat għal tip simili ta' operazzjoni u benefiċjarju;

(c) rati stabbiliti minn dan ir-Regolament;

(d) fuq bażi ta' każ b'każ b'referenza għal abbozz ta' baġit miftiehem ex ante mill-awtorità maniġerjali, fejn l-appoġġ pubbliku ma jaqbiżx l-EUR 100 000.

4. L-ammonti kkalkulati fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1(b), (c) u (d) għandhom jitqiesu bħala spejjeż mġarrba eliġibbli u mħallsa mill-benefiċjarju għall-fini tal-applikazzjoni tat-Titolu VI.

5. Id-dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ għal kull operazzjoni għandu jistabbilixxi l-metodu li għandu jiġi applikat għad-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-operazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-ħlas tal-għotja.

Artikolu 24

Eliġibbiltà tan-nefqa

1. L-ispejjeż eliġibbli għas-sostenn mill-programm operattiv għandhom ikunu:

(a) l-ispejjeż tax-xiri tal-ikel, u ta' prodotti bażiċi għall-konsumatur għall-użu personali ta' persuni jew ta' tfal mingħajr akkomodazzjoni;

(b) meta korp pubbliku jixtri l-ikel jew il-prodotti bażiċi tal-konsumatur għall-użu personali tal-persuni jew ta' tfal mingħajr akkomodazzjoni u jipprovdihom lill-organizzazzjonijiet imsieħba, l-ispejjeż tat-trasport tal-ikel jew ta' prodotti lill-imħażen tal-organizzazzjonijiet imsieħba b'rata fissa ta' 1 % tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a);

(c) l-ispejjeż amministrattivi, tat-trasport u tal-ħżin li jitħallsu mill-organizzazzjonijiet imsieħba b'rata fissa ta' 5% tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a);

(d) l-ispejjeż tal-attivitajiet ta' inklużjoni soċjali mwettqa u ddikjarati mill-organizzazzjonijiet imsieħba li jwasslu l-għajnuna materjali direttament lill-persuni l-aktar fil-bżonn b'rata fissa ta' 5 % tal-ispejjeż imsemmija fil-punt (a);

(e) spejjeż imġarrba skont l-Artikolu 25.

2. L-ispejjeż li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għas-sostenn mill-programm operattiv:

(a) imgħax fuq dejn;

(b) spejjeż ta' oġġetti użati (*second hand)*;

(c) taxxa fuq il-valur miżjud. Madankollu, l-ammonti tal-VAT għandhom ikunu eliġibbli fejn dawn ma jistgħux jiġu rkuprati taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT u jiġu mħallsa minn benefiċjarju ieħor minbarra persuna mhux taxxabbli kif definit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2006/112/KE[9].

Artikolu 25

Għajnuna teknika

1. Fuq l-inizjattiva ta', jew f'isem il-Kummissjoni, soġġett għal limitu ta' 0,35% tal-allokazzjoni annwali tiegħu, il-Fond jista' jiffinanzja t-tħejjija, il-monitoraġġ, l-għajnuna amministrattiva u teknika, l-awditjar, l-informazzjoni, il-miżuri ta' kontroll u ta' evalwazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-attivitajiet relatati mal-pjattaforma, skont l-Artikolu 10.

2. Fuq l-inizjattiva tal-Istati Membri, soġġett għal limitu massimu ta' 4% tal-allokazzjoni tal-Fond, il-programm operattiv jista' jiffinanzja t-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-għajnuna amministrattiva u teknika, l-eżerċizzju ta' awditjar, l-informazzjoni, il-miżuri ta' kontroll u ta' evalwazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jista' wkoll jiffinanzja għajnuna teknika u l-bini tal-kapaċità ta' organizzazzjonijiet imsieħba.

TITOLU V ĠESTJONI U KONTROLL

Artikolu 26

Prinċipji ġenerali għal sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' Stat Membru

[9] ĠU L347, 11.12.2006, p 1.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għandhom jipprovdu għal:

(a) deskrizzjoni tal-funzjonijiet ta' kull korp ikkonċernat fil-ġestjoni u fil-kontroll, u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet f'kull korp;

(b) konformità mal-prinċipju ta' separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u f'korpi bħal dawn;

(c) proċeduri biex tiġi żgurata l-korrettezza u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata;

(d) sistemi kompjuterizzati għall-kontabilità, għall-ħżin u t-trażmissjoni ta' dejta finanzjarja u dejta dwar indikaturi, għall-monitoraġġ u għar-rapportar;

(e) sistemi għar-rapportar u għall-monitoraġġ fejn il-korp responsabbli jafda l-eżekuzzjoni tal-kompiti f'idejn korp ieħor;

(f) arranġamenti għall-awditjar tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll;

(g) sistemi u proċeduri biex jiżguraw rekord adegwat għall-verifika;

(h) il-prevenzjoni, l-iskoperta u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, u l-irkupru ta' ammonti mħallsa bi żball, flimkien ma' xi imgħax;

Artikolu 27

Responsabbiltajiet tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jissodisfaw l-obbligi ta' ġestjoni, kontroll u awditjar u għandhom jassumu r-responsabbiltajiet li jirriżultaw stabbiliti fir-regoli dwar il-ġestjoni kondiviża stipulati fir-Regolament Finanzjarju u f'dan ir-Regolament. Skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tal-programmi operattivi.

2. L-Istati Membri għandhom jimpedixxu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet u għandhom jirkupraw ammonti li jkunu tħallsu bi żball, flimkien ma' xi imgħax fuq ħlasijiet tard. Għandhom jinnotifikaw dawn l-irregolaritajiet lill-Kummissjoni u għandhom iżommu lill-Kummissjoni informata bil-progress li jkun sar fuq proċeduri amministrattivi u legali relatati.

Meta ammonti mħallsa bi żball lil benefiċjarju ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati u dan ikun riżultat ta' tort jew ta' negliġenza min-naħa ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jkun responsabbli għar-rimborż tal-ammonti kkonċernati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 59 li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar l-obbligi tal-Istati Membri speċifikati f'dan il-paragrafu.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw proċedura għall-eżami indipendenti u r-riżoluzzjoni ta' ilmenti li jikkonċernaw l-għażla jew l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond. L-Istati Membri

għandhom jirrapportaw ir-riżultati ta' dawn l-eżamijiet lill-Kummissjoni meta mitlubin.

4. Kull skambju uffiċjali ta' informazzjoni bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni għandu jsir bl-użu ta' sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika stabbilita f'konformità mat-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 60(3).

Artikolu 28

In-nomina u l-organizzazzjoni ta' korpi ta' ġestjoni u ta' kontroll

1. L-Istat Membru għandu jinnomina awtorità jew korp pubbliku nazzjonali bħala awtorità maniġerjali.

2. L-Istat Membru għandu jinnomina awtorità jew korp pubbliku nazzjonali bħala awtorità ta' ċertifikazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3.

3. L-Istat Membru jista' jinnomina awtorità maniġerjali li twettaq ukoll il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni.

4. L-Istat Membru għandu jinnomina awtorità jew korp pubbliku nazzjonali, funzjonalment indipendenti mill-awtorità maniġerjali u mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, bħala awtorità tal-awditjar.

5. Sakemm il-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet jiġi rispettat, l-awtorità maniġerjali, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, fejn applikabbli, u l-awtorità tal-awditjar jistgħu jkunu parti mill-istess awtorità jew korp pubbliku.

6. L-Istat Membru jista' jinnomina korp intermedjarju wieħed jew aktar biex iwettqu ċerti kompiti tal-awtorità maniġerjali jew ta' ċertifikazzjoni taħt ir-responsabbiltà ta' dik l-awtorità. L-arranġamenti rilevanti bejn l-awtorità maniġerjali jew l-awtorità ta' ċertifikazzjoni u l-korpi intermedji għandhom jiġu formalment irreġistrati bil-miktub.

7. L-Istat Membru jew l-awtorità maniġerjali jistgħu jafdaw il-ġestjoni ta' parti mill-programm operattiv lil korp intermedju permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-korp intermedju u l-Istat Membru jew l-awtorità maniġerjali. Il-korp intermedju għandu jipprovdi garanziji dwar is-solvenza u l-kompetenza tiegħu fil-qasam ikkonċernat, kif ukoll il-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja tiegħu.

8. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi bil-miktub ir-regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet tiegħu mal-awtorità maniġerjali, mal-awtorità ta' ċertifikazzjoni, u mal-awtorità tal-awditjar, ir-relazzjonijiet bejn dawn l-awtoritajiet, u r-relazzjonijiet ta' dawn l-awtoritajiet mal-Kummissjoni.

Artikolu 29

Funzjonijiet tal-awtorità maniġerjali

1. L-awtorità maniġerjali għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm operattiv skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

2. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-programm operattiv, l-awtorità maniġerjali għandha:

(a) tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali;

(b) tagħmel disponibbli lill-korpi intermedjarji u lill-benefiċjarji informazzjoni li hija rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom u għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet rispettivament;

(c) tistabbilixxi sistema biex tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata d-dejta meħtieġa għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifika u l-awditjar;

(d) tiżgura li d-dejta msemmija fil-punt (ċ) tinġabar, tiddaħħal u tinħażen fis-sistema, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE.

3. Fir-rigward tal-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità maniġerjali għandha:

(a) Tfassal u tapplika proċeduri u kriterji xierqa tal-għażla li huma nondiskriminatorji u trasparenti;

(b) tiżgura li l-operazzjoni magħżula:

(i) taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond u tal-programm operattiv;

(ii) tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-programm operattiv u fl-Artikoli 20, 21 u 24;

(iii) tqis il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5(10), (11) u (12).

(c) tipprovdi lill-benefiċjarju dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ ta' kull operazzjoni inkluż ir-rekwiżiti speċifiċi dwar il-prodotti jew is-servizzi li għandhom jingħataw taħt l-operazzjoni, il-pjan ta' finanzjament, u l-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni;

(d) tissodisfa ruħha li l-benefiċjarju għandu l-kapaċità amministrattiva, finanzjarja u operattiva biex jissodisfa l-kundizzjonijiet definiti fil-punt (ċ) qabel l-approvazzjoni tal-operazzjoni;

(e) tissodisfa ruħha li, meta l-operazzjoni tkun bdiet qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-finanzjament lill-awtorità maniġerjali, ir-regoli nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti għall-operazzjoni jkunu tħarsu;

(f) tiddetermina t-tip ta' għajnuna materjali li għaliha għandha tiġi attribwita n-nefqa ta' operazzjoni.

4. Fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-programm operattiv, l-awtorità maniġerjali għandha:

(a) tivverifika li l-prodotti u s-servizzi kofinanzjati jkunu ngħataw u li l-infiq iddikjarat mill-benefiċjarji jkun tħallas minnhom u jkun konformi mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli, mal-programm operattiv u mal-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjoni;

(b) tiżgura li l-benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet rimborżati skont l-Artikolu 23(1)(a) iżommu sistema separata ta' kontabilità jew kodiċi adegwat ta' kontabilità għat-tranżazzjonijiet kollha relatati ma' operazzjoni;

(c) tistabbilixxi miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi b'kunsiderazzjoni tar-riskji identifikati;

(d) tistabbilixxi proċeduri li jiżguraw li d-dokumenti kollha dwar l-infiq u l-eżerċizzji ta' awditjar meħtieġa biex jiżguraw rekord adegwat għall-verifika jinżammu skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 26(g);

(e) tfassal id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u s-sommarju annwali msemmi fl-Artikolu 56 (5) (a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju.

5. Verifiki skont il-paragrafu 4(a) għandhom jinkludu l-proċeduri li ġejjin:

(a) verifiki amministrattivi fir-rigward ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji;

(b) verifiki ta' operazzjonijiet fuq il-post.

Il-frekwenza u l-kopertura tal-verifiki fuq il-post għandhom ikunu proporzjonati mal-ammont ta' sostenn pubbliku għal operazzjoni u l-livell ta' riskju identifikat minn dawn il-verifiki u mill-eżerċizzji ta' awditjar mill-awtorità tal-awditjar għas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll kollha kemm hi.

6. Verifiki fuq il-post ta' operazzjonijiet individwali skont il-paragrafu (5)(b) jistgħu jsiru abbażi ta' kampjun.

7. Fejn l-awtorità maniġerjali tkun ukoll benefiċjarja taħt il-programm operattiv, l-arranġamenti għall-verifiki msemmija fil-paragrafu 4(a) għandhom jiżguraw separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 59, u tistabbilixxi l-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni fil-paragrafu 2(c).

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 59, u tistabbilixxi regoli dwar arranġamenti għar-rekord għall-verifika msemmija fil-paragrafu 4(d).

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-mudell għad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni msemmi fil-paragrafu 4(e). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 60(2).

Artikolu 30

Il-funzjonijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni

L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha b'mod partikolari tkun responsabbli għal dan li ġej:

1. it-tfassil u s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-ħlas lill-Kummissjoni u tiċċertifika li dawn jirriżultaw minn sistemi affidabbli ta' kontabilità, ikunu bbażati fuq dokumenti verifikabbli ta' prova u li jkunu ġew soġġetti għal verifiki mill-awtorità maniġerjali;

2. it-tħejjija tal-kontijiet annwali msemmija fl-Artikolu 56 (5) (a) tar-Regolament Finanzjarju;

3. tiċċertifika l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali u li l-infiq li jkun iddaħħal fil-kontijiet ikun konformi mar-regoli nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli u jkun sar fir-rigward ta' operazzjonijiet magħżula għal finanzjament skont il-kriterji applikabbli għall-programm operattiv u li jkun konformi mar-regoli nazzjonali u tal-Unjoni;

4. tiżgura li jkun hemm sistema li tirreġistra u taħżen, f'forma kompjuterizzata, rekords ta' kontabilità għal kull operazzjoni, u li tappoġġa d-dejta kollha meħtieġa għat-tfassil ta' applikazzjonijiet għall-ħlas u għall-kontijiet annwali, inkluż rekords ta' ammonti rekuperabbli, ammonti rkuprati u ammonti rtirati wara l-kanċellazzjoni ta' kontribuzzjoni kollha jew parti minnha għal operazzjoni jew għall-programm operattiv;

5. tiżgura għall-finijiet tat-tfassil u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-ħlas li tkun irċeviet informazzjoni adegwata mill-awtorità maniġerjali dwar il-proċeduri u l-verifiki mwettqa fir-rigward tan-nefqa;

6. tqis meta tfassal u tissottometti l-applikazzjonijiet għall-ħlas, ir-riżultati tal-eżerċizzji kollha ta' awditjar imwettqa minn jew taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità ta' verifika;

7. iżżomm rekords ta' kontabilità f'forma kompjuterizzata tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni u l-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti mħallsa lill-benefiċjarji;

8. iżżomm kont tal-ammonti rekuperabbli u tal-ammonti rtirati wara l-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni kollha jew parti minnha għal operazzjoni. L-ammonti rkuprati għandhom jitħallsu lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni qabel l-għeluq tal-programm operattiv billi jitnaqqsu mid-dikjarazzjoni ta' nfiq li jmiss.

Artikolu 31

Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar

1. L-awtorità tal-awditjar għandha tiżgura li jsiru eżerċizzji ta' awditjar fuq is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, fuq kampjun xieraq ta' operazzjonijiet u fuq il-kontijiet annwali.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 59 biex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li dawk il-verifiki għandhom jissodisfaw.

2. Fejn l-eżerċizzji ta' awditjar jsiru minn korp għajr l-awtorità tal-awditjar, l-awtorità tal-awditjar għandha tiżgura li kwalunkwe korp bħal dan ikollu l-indipendenza funzjonali meħtieġa.

3. L-awtorità tal-awditjar għandha tiżgura li x-xogħol ta' awditjar iqis standards ta' awditjar aċċettati fuq livell internazzjonali.

4. L-awtorità tal-awditjar għandha, fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tal-programm operattiv, tħejji strateġija ta' awditjar għall-prestazzjoni tal-awditjar. L-istrateġija ta' awditjar għandha tistabbilixxi l-metodoloġija tal-awditjar, il-metodu ta' kampjunar għall-awditjar fuq l-operazzjonijiet u l-ippjanar tal-awditjar fir-rigward tas-sena attwali ta' kontabilità u għas-sentejn sussegwenti ta' kontabilità. L-istrateġija tal-awditjar għandha tiġi aġġornata kull sena mill-2016 sa u inkluż l-2022. L-awtorità tal-awditjar għandha tissottometti l-istrateġija tal-awditjar lill-Kummissjoni meta mitluba.

5. L-awtorità tal-awditjar għandha tfassal dawn li ġejjin:

(a) opinjoni ta' awditjar skont l-Artikolu 56(5) tar-Regolament Finanzjarju;

(b) rapport annwali ta' kontroll li jistabbilixxi r-riżultati tal-awditjar mwettqa matul is-sena preċedenti ta' kontabilità.

Ir-rapport taħt il-punt (b) għandu jistabbilixxi kwalunkwe defiċjenza li tinstab fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll u kwalunkwe miżura li tittieħed jew proposta li għandha tittieħed.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, mudelli għall-istrateġija tal-awditjar, l-opinjoni tal-awditjar u r-rapport annwali ta' kontroll, kif ukoll il-metodoloġija għall-metodu ta' kampjunar imsemmi fil-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 60(3).

7. Regoli ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-użu ta' dejta miġbura matul l-eżerċizzji ta' awditjar li jsiru minn uffiċjali tal-Kummissjoni jew minn rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 60(3).

Artikolu 32

1. . Proċedura għan-nomina u l-ġestjoni ta' awtoritajiet li jiċċertifikaw

L-Istati Membri għandhom:

1. jinnotifikaw lill_Kummissjoni bid-data u l-forma tad-deżinjazzjoni tal-awtorità maniġerjali u, fejn xieraq, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni ta' deċiżjoni li tadotta l-programm operazzjonali.

2. In-nomina msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq rapport u fuq opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar li jivvaluta s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, inkluż ir-rwol ta' korpi intermedji fiha, u l-konformità tagħha mal-Artikoli 26, 27, 29 u 30, skont il-kriterji fuq l-ambjent intern, l-attivitajiet ta' kontroll, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u l-moitoraġġ stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 59.

3. Il-korp indipendenti għandu jwettaq il-ħidma tiegħu skont standards ta' awditjar aċċettati fuq livell internazzjonali.

4. _L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li awtorità maniġerjali jew ta' ċertifikazzjoni li kienet innominata fir-rigward ta programm operattiv ikkofinanzjat mill-FSE skont ir-Regolament (UE) Nru [CPR] għandha titqies bħala nnominata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tista' titlob, fi żmien xahrejn minn meta tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, ir-rapport u l-opinjoni tal-korp indipendenti tal-awditjar u d-deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll.

Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet fi żmien xahrejn minn meta tkun irċeviet dawk id-dokumenti.

5. L-Istat Membru għandu jissorvelja l-korp nnominat u jirtira n-nomina tiegħu permezz ta' deċiżjoni formali jekk wieħed mill-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 jew aktar ma jibqax jiġi ssodisfat, sakemm il-korp ma jiħux l-azzjonijiet ta' rimedju neċessarji fil-perjodu ta' probazzjoni li għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru skont is-severità tal-problema. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni immedjatament bl-iffissar ta' xi perjodu ta' prova għal korp innominat u bi kwalunkwe deċiżjoni ta' rtirar.

Artikolu 33

Setgħat u responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tissodisfa ruħha abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluż l-informazzjoni dwar in-nominazzjoni tal-awtorità maniġerjali u tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni, id-dikjarazzjoni annwali ta' ġestjoni, ir-rapporti annwali ta' kontroll, l-opinjoni annwali tal-awditjar, ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni u l-awditjar imwettaq mill-korpi nazzjonali u tal-Unjoni, li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll konformi ma' dan ir-Regolament u li dawn is-sistemi jaħdmu b'mod effettiv matul l-implimentazzjoni tal-programm operattiv.

2. Mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzji ta' awditjar imwettqa mill-Istati Membri, uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu eżerċizzji ta' awditjar jew kontrolli fuq il-post wara li jagħtu avviż adegwat minn qabel. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-awditjar jew ta' kontrolli bħal dawn jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, il-verifika tal-funzjonament effettiv ta' sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fi programm operattiv jew ta' parti minnhom, operazzjonijiet u evalwazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tajba ta' operazzjonijiet jew programmi

operattivi. Uffiċjali jew rappreżentanti awtorizzati tal-Istat Membru jistgħu jieħdu sehem f'dan l-awditjar.

Uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni, li jkunu ingħataw is-setgħa li jwettqu awditjar fuq il-post, għandu jkollhom aċċess għar-rekords, għad-dokumenti u għall-metadejta kollha, relatati mal-operazzjonijiet appoġġati mill-Fond jew mas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, irrispettivament mill-mezz li jinżammu fih. L-Istati Membri għandhom jipprovdu kopji ta' dawn ir-rekords, dokumenti u metadejta lill-Kummissjoni fuq talba.

Is-setgħat stabbiliti f'dan il-paragrafu ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jirriżervaw ċertu atti għal aġenti magħżula b'mod speċifiku mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Uffiċjali tal-Kummissjoni u rappreżentanti awtorizzati ma għandhomx jieħdu sehem, inter alia, fi żjarat fid-djar jew fl-interrogazzjoni formali ta' persuni fil-qafas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni hekk miksuba.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru biex jieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex jiżgura l-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom jew il-korrettezza tan-nefqa skont dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru sabiex jeżamina lment sottomess lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fond jew il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll.

Artikolu 34

Kooperazzjoni mal-awtorità tal-awditjar

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-awtoritajiet tal-awditjar biex tikkoordina l-pjanijiet u l-metodi ta' awditjar tagħhom u għandha minnufih taqsam ir-riżultati tal-awditjar mwettqa fuq is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

2. Il-Kummissjoni u l-awtorità tal-awditjar għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari u tal-anqas darba fis-sena, sakemm ma jiġix miftiehem b'mod ieħor, biex jeżaminaw ir-rapport annwali ta' kontroll, l-opinjoni u l-istrateġija tal-awditjar, u biex jiskambjaw fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mat-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

TITOLU VI ĠESTJONI FINANZJARJA, EŻAMINAZZJONI U AĊĊETTAZZJONI TAL-KONTIJIET, KORREZZJONIJIET FINANZJARJI, DIŻIMPENJI

Kapitolu 1. Ġestjoni finanzjarja

Artikolu 35

Impenji baġitarji

L-impenji baġitarji tal-Unjoni fir-rigward ta’ kull programm operattiv għandhom isiru f’pagamenti annwali matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm operattiv għandha tikkostitwixxi d-deċiżjoni finanzjarja skont l-Artikolu 81(2) tar-Regolament Finanzjarju u ladarba tiġi nnotifikata lill-Istat Membru kkonċernat, għandha tikkostitwixxi impenn legali skont dak ir-Regolament.

L-impenn baġitarju għall-ewwel pagament għandu jsegwi l-adozzjoni tal-programm operattiv mill-Kummissjoni.

L-impenji baġitarji għall-pagamenti sussegwenti għandhom isiru mill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Mejju ta’ kull sena, abbażi tad-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu, ħlief fejn japplika l-Artikolu 13 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 36

Ħlasijiet mill-Kummissjoni

1. Il-ħlasijiet mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond għal kull programm operattiv għandhom isiru skont approprjazzjonijiet baġitarji u soġġetti għal finanzjament disponibbli. Kull ħlas għandu jiġi assenjat lill-impenn miftuħ tal-baġit li jmur l-aktar lura fiż-żmien tal-Fond.

2. Il-ħlasijiet għandhom jieħdu l-forma ta’ prefinanzjament, ta’ ħlasijiet interim u ta’ ħlas tal-bilanċ annwali, fejn applikabbli, u tal-bilanċ finali.

Artikolu 37

Ħlasijiet interim, ħlas tal-bilanċ annwali u ħlas tal-bilanċ finali mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża bħala ħlasijiet interim 90% tal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata ta’ kofinanzjament stabbilita fid-deċiżjoni li tadotta l-programm operattiv li jikkorrispondi għall-infiq eliġibbli pubbliku inkluż fl-applikazzjoni għall-ħlas. Għandha tiddetermina l-bilanċ annwali skont l-Artikolu 47(2).

2. Minkejja l-Artikolu 19, l-appoġġ tal-Unjoni permezz ta’ pagamenti interim u l-ħlas tal-bilanċ finali m’għandux ikun ogħla mill-ammont massimu u l-ammont tal-appoġġ mill-Fond kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operattiv.

3. It-total kumulattiv tal-ħlasijiet ta’ prefinanzjament u interim u l-bilanċ annwali mill-Kummissjoni ma għandux jaqbeż il-95% tal-kontribuzzjoni mill-Fond għall-programm operattiv.

4. Meta jintlaħaq il-limitu ta’ 95%, l-Istati Membri għandhom ikomplu jibagħtu talbiet għall-ħlas lill-Kummissjoni.

Artikolu 38

Applikazzjonijiet għall-ħlas lill-Kummissjoni

1. L-applikazzjoni għall-ħlas li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja għall-Kummissjoni sabiex tipproduċi l-kontijiet skont l-Artikolu 65(1) tar-Regolament Finanzjarju

2. Applikazzjonijiet għall-ħlas għandhom jinkludu għall-programm operattiv sħiħ u għall-għajnuna teknika imsemmija fl-Artikolu 25.2::

   (a) l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli sostnut u mħallas mill-benefiċjarji għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet , kif imdaħħla fil-kontijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni;

   (b) l-ammont totali ta' sostenn pubbliku sostnut għall-operazzjonijiet ta' implimentazzjoni kif imdaħħla fil-kontijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni;

   (c) l-appoġġ pubbliku eliġibbli korrispondenti li tħallas lill-benefiċjarji, kif imniżżel fil-kontijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni.

3. In-nefqa inkluża f'applikazzjoni għall-ħlas għandha tiġi ppruvata permezz ta' fatturi li fuqhom tkun ħarġet irċevuta jew b'dokumenti ta' kontabilità b'valur probatorju ekwivalenti. Għall-forom ta' għotjiet imsemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (ċ) u (d), l-ammonti inklużi f'applikazzjoni għall-ħlas għandhom ikunu l-ammonti mħallsa lill-benefiċjarji mill-awtorità maniġerjali.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-mudell għall-applikazzjonijiet għall-ħlas. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 60(2).

Artikolu 39

Ħlasijiet lill-benefiċjarji

1. Awtorità maniġerjali għandha tiżgura li, fil-każ ta' għotjiet lill-organizzazzjonijiet imsieħba, il-benefiċjarji jiġu pprovduti bil-fluss suffiċjenti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-operazzjonijiet.

2. Awtorità maniġerjali għandha tiżgura li l-benefiċjarji jirċievu l-ammont totali ta' sostenn pubbliku malajr kemm jista' jkun u kollu kemm hu jew f'kull każ qabel l-inklużjoni tal-ispiża korrispondenti fl-applikazzjoni tal-ħlas. L-ebda ammont ma għandu jitnaqqas jew jinżamm u ma għandha tiġi imposta l-ebda tariffa speċifika jew tariffa oħra b'effett ekwivalenti li tnaqqas dawn l-ammonti għall-benefiċjarji.

Artikolu 40

L-użu tal-Euro

1. L-ammonti stabbiliti fil-programm operattiv sottomess mill-Istati Membri, id-dikjarazzjonijiet ta' nfiq, it-talbiet għall-ħlas, il-kontijiet annwali u n-nefqa msemmija fir-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni għandhom jiġu denominati fl-euro.

2. Stati Membri li ma jkunux adottaw l-euro bħala l-munita tagħhom fid-data ta' applikazzjoni għall-ħlas għandhom jaqilbu l-ammonti tan-nefqa sostnuta fil-munita nazzjonali għall-euro. Dan l-ammont għandu jinqeleb għall-munita euro bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kontabilità mensili tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu n-nefqa tkun ġiet irreġistrata fil-kontijiet tal-awtorità maniġerjali. Din ir-rata għandha tiġi ppubblikata b'mod elettroniku mill-Kummissjoni kull xahar.

3. Meta l-euro ssir il-munita ta' Stat Membru, il-proċedura ta' kambju stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tibqa' tapplika għal kull infiq irreġistrat fil-kontijiet mill-awtorità maniġerjali qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-rata fissa ta' kambju bejn il-munita nazzjonali u l-euro.

Artikolu 41

Ħlas u approvazzjoni ta' prefinanzjament

1. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta l-programm operattiv, il-prefinanzjament li jammonta għal 11% tal-kontribuzzjoni globali tal-Fond għall-programm operattiv ikkonċernat għandu jitħallas mill-Kummissjoni.

2. Il-prefinanzjament għandu jintuża biss biex isiru ħlasijiet lill-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-programm operattiv. Għandu jkun disponibbli mingħajr dewmien lill-korp responsabbli għal dan il-għan.

3. L-ammont totali mħallas bħala prefinanzjament għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni jekk ma tkun intbagħtet l-ebda applikazzjoni għall-ħlas għall-programm operattiv ikkonċernat fi żmien 24 xahar mid-data li fiha l-Kummissjoni tħallas l-ewwel ammont ta' prefinanzjament. Il-kontribuzzjoni Komunitarja għall-programm operattiv ikkonċernat ma għandhiex tiġi affettwata minn dan ir-rimborż.

4. L-ammont imħallas bħala prefinanzjament għandu jitneħħa kompletament mill-kontijiet tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn meta l-programm operattiv jingħalaq.

Artikolu 42

Skadenza ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-ħlasijiet interim u għall-ħlas tagħhom

1. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tissottometti fuq bażi regolari applikazzjoni għal ħlas interim li tkopri l-ammonti mdaħħla fil-kontijiet tagħha bħala sostenn pubbliku mħallas lill-benefiċjarji fis-sena ta' kontabilità li tispiċċa fit-30 ta' Ġunju.

2. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tissottometti l-applikazzjoni finali għal ħlas interim sal-31 ta' Lulju wara t-tmiem tas-sena ta' kontabilità ta' qabel u, fi kwalunkwe każ, qabel l-ewwel applikazzjoni għal ħlas interim għas-sena finanzjarja li jmiss.

3. L-ewwel applikazzjoni għal ħlas interim ma għandhiex issir qabel ma ssir in-notifika lill-Kummissjoni tan-nomina tal-awtorità maniġerjali u tal-awtorita taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 32(1).

4. Il-ħlasijiet interim ma għandhomx isiru għal programm operattiv meta r-rapport annwali ta' implimentazzjoni ma jkunx intbagħat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11.

5. Soġġett għall-finanzjament disponibbli, il-Kummissjoni għandha tagħmel il-ħlas interim sa mhux aktar tard minn 60 jum wara d-data li fiha applikazzjoni għal ħlas tkun ġiet irreġistrata mal-Kummissjoni.

Artikolu 43

1. **Interruzzjoni tal-iskadenza taż-żmien tal-ħlas**L-iskadenza taż-żmien għall-ħlas interim tista' tiġi interrotta mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega skont ir-Regolament Finanzjarju għal perjodu massimu ta' disa' xhur: meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejin:

(a) fuq il-bażi tal-informazzjoni wara informazzjoni pprovduta minn korp tal-awditjar nazzjonali jew tal-Unjoni, ikun hemm provi li jissuġġerixxu nuqqas sinifikanti fil-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll;

(b) l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jkollu jwettaq verifiki addizzjonali wara li jkun ġie mgħarraf b'informazzjoni li n-nefqa f'talba għal ħlas tkun marbuta ma' irregolarità li għandha konsegwenzi finanzjarji serji;

(c) ma jiġix ippreżentat xi wieħed mid-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 45(1).

2. L-uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jillimita l-interruzzjoni għall-parti tan-nefqa koperta mit-talba għal ħlas affettwata mill-elementi msemmija fil-paragrafu 1. L-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jinforma lill-Istat Membru u lill-awtorità maniġerjali minnufih bir-raġuni għall-interruzzjoni u għandu jitlobhom biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni. L-interruzzjoni għandha titwaqqaf mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega hekk kif ikunu ttieħdu l-miżuri meħtieġa.

Artikolu 44

Sospensjoni ta' ħlasijiet

1. Ħlas interim kollu jew parti minnu jista' jiġi sospiż mill-Kummissjoni meta:

(a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm operattiv li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi;

(b) in-nefqa f'dikjarazzjoni ta' infiq tkun marbuta ma' irregolarità li jkollha konsegwenzi finanzjarji serji li ma tkunx ġiet ikkoreġuta;

(c) l-Istat Membru jkun naqas milli jieħu l-azzjoni meħtieġa biex jirrimedja s-sitwazzjoni li tagħti lok għal interruzzjoni skont l-Artikolu 43;

(d) ikun hemm nuqqas serju fil-kwalità u fl-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ jew tad-dejta dwar l-indikaturi.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li tissospendi l-ħlasijiet interim kollha jew parti minnhom, wara li tkun tat lill-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-ħlasijiet interim kollha jew ta' parti minnhom fejn l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa biex jippermetti li s-sospensjoni titneħħa.

Kapitolu 2 Eżaminazzjoni u aċċettazzjoni tal-kontijiet

Artikolu 45

Sottomissjoni ta' informazzjoni

1. Għal kull sena mill-2015 sa u inkluż l-2022, sal-15 ta' Frar tas-sena wara t-tmiem tal-perjodu ta' kontabilità, il-korpi nnominati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni d-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin skont l-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju: il-kontijiet annwali ċċertifikati tal-korpi relevanti akkreditati skont l-Artikolu 32;

(a) kif imsemmi fl-Artikolu 56(5) tar-Regolament Finanzjarju;

(b) id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni kif imsemmi fl- Artikolu 56(5) tar-Regolament Finanzjarju;

(c) rapport annwali tar-rapporti tal-awditjar finali u tal-kontrolli inkluż analiżi tan-natura u l-ammont ta żbalji u nuqqasijiet kif ukoll azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati;

(d) opinjoni ta' awditjar mill-korp indipendenti tal-awditjar maħtur kif imsemmi fl-Artikolu 56(5) tar-Regolament Finanzjarju, flimkien ma' rapport ta' kontroll li jistabbilixxi r-riżultati tal-awditjar mwettqa fir-rigward tas-sena ta' kontabilità mill-opinjoni.

2. 2 Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jipprovdi informazzjoni ulterjuri lill-Kummissjoni. Jekk Stat Membru ma jipprovdix l-informazzjoni mitluba sad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tagħha stabbilita mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar l-aċċettazzjoni tal-kontijiet abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħha.

Artikolu 46

Kontenut tal-kontijiet

1. Il-kontijiet ċertifikati għal kull programm operattiv għandhom ikopru s-sena ta' kontabilità u għandhom jinkludu dawn li ġejjin bħala total u għall-għajnuna teknika msemmija fl-Artikolu 25.2:

   (a) l-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mdaħħal fil-kontijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni bħala mġarrba u mħallsa mill-benefiċjarji, l-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli mġarrba fl-operazzjonijiet ta' implimentazzjoni u l-kontribuzzjoni pubblika eliġibbli korrispondenti li tħallset lill-benefiċjarji;

   (b) l-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena ta' kontabilità, l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena ta' kontabilità u l-ammonti irrekuperabbli;

   (c) rikonċiljazzjoni bejn in-nefqa ddikjarata skont il-punt (a) u n-nefqa ddikjarata fir-rigward tal-istess sena finanzjarja fl-applikazzjonijiet għall-ħlas, akkumpanjata minn spjegazzjoni ta' xi differenzi.

2. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni tista' tispeċifika fil-kontijiet provvediment, li ma għandux jaqbeż il-5% tan-nefqa totali f'applikazzjonijiet għall-ħlas ippreżentati għal sena partikolari ta' kontabilità, fejn l-evalwazzjoni tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa tkun soġġetta għal proċedura li tkun għaddejja mal-awtorità tal-awditjar. L-ammont kopert għandu jiġi eskluż mill-ammont totali tan-nefqa eliġibbli msemmija fil-paragrafu 1(a). Dawn l-ammonti għandhom definittivament jiġu inklużi fi jew esklużi, mill-kontijiet annwali tas-sena ta' wara.

Artikolu 47

Eżaminazzjoni u aċċettazzjoni tal-kontijiet

1. Sat-30 ta' April tas-sena wara t-tmiem tal-perjodu ta' kontabilità, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq l-aċċettazzjoni tal-kontijiet tal-korpi relevanti nnominati skont l-Artikolu 28 għall-programm operattiv. Id-deċiżjoni ta' aċċettazzjoni għandha tkopri l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet sottomessi u għandha tkun mingħajr preġudizzju għal xi korrezzjonijiet finanzjarja sussegwenti.

2. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont li jrid jitħallas mill-Fond għal sena ta' kontabilità, il-Kummissjoni għandha tqis:

   (a) in-nefqa pubblika eleġibblili ġġarbet fl-operazzjonijet ta' implimentazzjoni mdaħħla fil-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 46(1)(a), li għalih għandha tiġi applikata r-rata ta' kofinanzjament definita fl-Artikolu 18;

   (b) l-ammont totali ta' ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni matul dik is-sena ta' kontabilità, li jikkonsisti mill-ammont ta' ħlasijiet interim imħallsa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 37(1) u l-Artikolu 19.

3. Il-bilanċ annwali li, b'riżultat tal-aċċettazzjoni tal-kontijiet, ikun jista' jiġi rkuprat mill-Istat Membru għandu jkun soġġett għal ordni ta' rkupru tal-Kummissjoni. Il-bilanċ annwali pagabbli lill-Istat Membru għandu jiżdied mal-ħlas interim li jmiss li jsir mill-Kummissjoni wara l-eżaminazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

4. Jekk, għal raġunijiet attribwibbli lil Stat Membru, il-Kummissjoni ma tkunx f'pożizzjoni li taċċetta l-kontijiet sat-30 ta' April tas-sena wara t-tmiem ta' sena ta' kontabilità, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru bl-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtorità maniġerjali jew mill-awtorità tal-awditjar, jew bl-inkjesti addizzjonali li l-Kummissjoni tipproponi li twettaq skont l-Artikolu 33(2) u (3).

5. Il-ħlas tal-bilanċ annwali mill-Kummissjoni għandu jkun ibbażat fuq in-nefqa ddikjarata fil-kontijiet, netta minn kull provvediment magħmul fir-rigward ta' nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni soġġetta għal proċedura kontradittorja mal-awtorità tal-awditjar.

Artikolu 48

Disponibbiltà tad-dokumenti

1. L-awtorità maniġerjali għandha tiżgura li d-dokumenti kollha ta' appoġġ dwar l-operazzjonijiet ikunu disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri meta mitluba għal perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu ta' tliet snin għandu jibda mill-31 ta' Diċembru tas-sena tad-deċiżjoni dwar l-aċċettazzjoni tal-kontijiet mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 47 jew, l-aktar tard, mid-data tal-ħlas tal-bilanċ finali.

   Dan il-perjodu ta' tliet snin għandu jiġi interrott jew f'każ ta' proċedimenti legali jew amministrattivi jew minn talba ġġustifikata kif mistħoqq mill-Kummissjoni.

2. Id-dokumenti għandhom jinżammu jew fil-forma oriġinali tagħhom, jew bħala kopji awtentifikati tal-oriġinali, jew fuq mezzi aċċettati b'mod komuni li jġorru d-dejta nkluż verżjonijiet elettroniċi ta' dokumenti oriġinali jew dokumenti li jeżistu f'verżjoni elettronika biss.

3. Id-dokumenti għandhom jinżammu f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-soġġetti tad-dejta għal mhux iktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-dejta tkun inġabret jew li għalihom jiġu pproċessati ulterjorment.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 59 biex tistabbilixxi liema mezzi li jġorru d-dejta jistgħu jitqiesu bħala aċċettati b'mod komuni.

5. Il-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni ta' konformità ta' dokumenti miżmuma fuq mezzi aċċettati b'mod komuni li jġorru d-dejta mad-dokument oriġinali għandha tiġi stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali u għandha tiżgura li l-verżjonijiet miżmuma jikkonformaw mal-ħtiġiet legali nazzjonali u jkunu affidabbli għall-finijiet ta' awditjar.

6. Fejn id-dokumenti jeżistu f’verżjoni elettronika biss, is-sistemi tal-kompjuter użati għandhom jissodisfaw standards aċċettati ta’ sigurtà li jiżguraw li d-dokumenti miżmuma jikkonformaw mal-ħtiġiet legali nazzjonali u jkunu affidabbli għall-finijiet ta’ awditjar.

Artikolu 49

Sottomissjoni ta’ dokumenti tal-għeluq u l-ħlas tal-bilanċ finali

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu d-dokumenti li ġejjin sat-30 ta' Settembru 2023:

(a) applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali;

(b) rapport finali ta’ implimentazzjoni għall-programm operattiv; u

(c) id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 45(1) għas-sena finali ta’ kontabilità, mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.

2. Il-bilanċ finali għandu jitħallas sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-aċċettazzjoni tal-kontijiet tas-sena finanzjarja finali jew xahar wara d-data tal-aċċettazzjoni tar-rapport finali ta’ implimentazzjoni, skont liema data tiġi l-aħħar.

Kapitolu 3 Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri

Artikolu 50

Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom primarjament ikunu responsabbli għall-investigazzjoni ta’ irregolaritajiet u biex jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa u jsegwu l-irkupri. Fil-każ ta’ irregolarità sistematika, l-Istat Membru għandu jestendi l-investigazzjoni tiegħu biex ikopri l-operazzjonijiet kollha potenzjalment affettwati.

2. L-Istat Membru għandu jagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa f’konnessjoni ma’ irregolaritajiet individwali jew sistemiċi identifikati fl-operazzjonijiet jew fil-programm operattiv. Korrezzjonijiet finanzjarji għandhom jikkonsistu f’kanċellament tal-kontribuzzjoni pubblika kollha jew ta’ parti minnha għal operazzjoni jew għall-programm operattiv. L-Istat Membru għandu jqis in-natura u l-gravità tal-irregolaritajiet u tat-telf finanzjarju għall-Fond u għandu japplika korrezzjoni proporzjonata. Korrezzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu rreġistrati fil-kontijiet annwali mill-awtorità maniġerjali għas-sena ta’ kontabilità li fiha tiġi deċiża l-kanċellazzjoni.

3. Il-kontribuzzjoni mill-Fond li tkun tħassret skont il-paragrafu 2 tista’ terġa' tintuża mill-Istat Membru fil-programm operattiv ikkonċernat, soġġett għall-paragrafu 4.

4. Il-kontribuzzjoni li tkun tħassret skont il-paragrafu 2 ma tistax terġa' tintuża għal xi operazzjoni li kienet is-suġġett tal-korrezzjoni, jew, fejn tkun saret korrezzjoni finanzjarja għal irregolarità sistematika, għal xi operazzjoni affettwata mill-irregolarità sistematika.

5. Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni ma għandhiex tippreġudika l-obbligu tal-Istat Membru li jfittex irkupri skont l-Artikolu preżenti.

Artikolu 51

Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, billi tikkanċella l-kontribuzzjoni kollha tal-Unjoni jew parti minnha għal programm operattiv u twettaq irkupru mill-Istat Membru sabiex teskludi li ssir nefqa mill-finanzjament tal-Unjoni li tkun fi ksur tal-liġi applikabbli nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż fir-rigward ta' nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri li jkunu ġew skoperti mill-Kummissjoni jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

2. Ksur tal-liġi applikabbli nazzjonali jew tal-Unjoni għandu jwassal għal korrezzjoni finanzjarja biss meta tintlaħaq waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-ksur affetwa jew seta' affettwa l-għażla ta' operazzjoni mill-awtorità maniġerjali għal appoġ mill-Fond;

(b) il-ksur affettwa jew seta' affettwa l-ammont tan-nefqa ddikjarata għal rimborż mill-baġit tal-Unjoni.

Artikolu 52

Kriterji għal korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji wara li tkun wettqet l-eżami meħtieġ, u tikkonkludi li:

(a) ikun hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm operattiv li jkun poġġa f'riskju l-kontribuzzjoni tal-Unjoni diġà mħallsa għall-programm operattiv;

(b) l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 50 qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni skont dan il-paragrafu;

(c) in-nefqa msemmija f'applikazzjoni għall-ħlas tkun irregolari u ma tkunx ġiet korretta mill-Istat Membru qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni skont dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolaritajiet identifikati u għandha tqis jekk irregolarità hijiex sistemika. Meta ma jkunx possibbli li l-ammont ta' nefqa irregolari mħallsa mill-

Fond jiġi preċiżament ikkwantifikat, il-Kummissjoni għandha tapplika rata fissa jew korrezzjoni finanzjarja estrapolata.

2. Il-Kummissjoni għandha, meta tkun qiegħda tiddeċiedi l-ammont ta' korrezzjoni skont il-paragrafu 1, tqis in-natura u l-gravità tal-irregolarità u l-firxa u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li jkunu nstabu fil-programm operattiv.

3. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq ir-rapporti tal-awdituri li m'humiex dawk tas-servizzi tagħha stess, hija għandha tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li teżamina l-miżuri li jkunu ttieħdu mill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 50(2), in-notifiki mibgħuta skont l-Artikolu 27(2), u kwalunkwe tweġiba mill-Istat Membru.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 59 li jistabbilixxu l-kriterji għall-istabbiliment tal-livell ta' korrezzjoni finanzjarja li għandu jiġi applikat.

Artikolu 53

Proċedura għall-korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni

1. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar korrezzjoni finanzjarja, il-Kummissjoni għandha tniedi l-proċedura billi tinforma lill-Istat Membru bil-konklużjonijiet provviżorji tal-eżami tagħha u titlob lill-Istat Membru jissottometti l-kummenti tiegħu fi żmien xahrejn.

2. Meta l-Kummissjoni tipproponi korrezzjoni finanzjarja abbażi ta' estrapolazzjoni jew ta' rata fissa, l-Istat Membru għandu jingħata l-opportunità li juri, permezz ta' eżami tad-dokumentazzjoni kkonċernata, li l-livell attwali tal-irregolarità huwa inqas mill-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Bi ftehim mal-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-eżami għal proporzjon jew għal kampjun xieraq tad-dokumentazzjoni kkonċernata. Ħlief f'każijiet debitament iġġustifikati, iż-żmien permess għal dan l-eżami m'għandux jaqbeż perjodu ieħor ta' xahrejn wara l-perjodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis kull evidenza pprovduta mill-Istat Membru fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

4. Meta l-Istat Membru ma jaċċettax il-konklużjonijiet provviżorji tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jiġi mistieden għal smigħ mill-Kummissjoni, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha jkunu disponibbli bħala bażi għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-korrezzjoni finanzjarja.

5. Biex tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, fi żmien sitt xhur mid-data tas-smigħ, jew mid-data tal-wasla ta' informazzjoni addizzjonali meta l-Istat Membru jaqbel li jissottometti informazzjoni addizzjonali bħal din wara s-smigħ. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni u l-osservazzjonijiet kollha sottomessi matul il-

proċedura. Jekk ma jseħħ l-ebda smigħ, il-perjodu ta' sitt xhur għandu jibda jiddekorri xahrejn wara d-data tal-ittra tal-istedina għas-smigħ mibgħuta mill-Kummissjoni.

6. Meta irregolaritajiet li jaffettwaw il-kontijiet annwali li jkunu ntbagħtu lill-Kummissjoni jiġu skoperti mill-Kummissjoni jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-korrezzjoni finanzjarja li tirriżulta għandha tnaqqas is-sostenn mill-Fond għall-programm operattiv.

Artikolu 54

Ħlasijiet lura lill-Baġit tal-Unjoni - Irkupri

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-baġit ġenerali tal-Unjoni għandu jsir qabel id-data ta' skadenza indikata fl-ordni għall-irkupru mfassla skont l-Artikolu 77 tar-Regolament Finanzjarju. Id-data ta' skadenza għandha tkun l-aħħar ġurnata tat-tieni xahar wara l-ħruġ tal-ordni.

2. Kull dewmien tar-rimborż għandu jwassal għal imgħax minħabba ħlas tard, li jibda mid-data ta' skadenza u jispiċċa fid-data tal-ħlas attwali. Din ir-rata tal-imgħax għandha tkun punt perċentwali u nofs aktar mir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu fl-ewwel jum tax-xogħol tax-xahar li fih taqa' d-data ta' skadenza.

Artikolu 55

Kontroll proporzjonali ta' programmi operattivi

1. Operazzjonijiet li għalihom l-infiq eliġibbli totali ma jaqbiżx il-EUR 100 000 ma għandhomx ikunu soġġetti għal aktar minn eżerċizzju wieħed ta' awditjar jew mill-awtorità ta' awditjar jew mill-Kummissjoni qabel l-eżaminazzjoni tan-nefqa kollha kkonċernata skont l-Artikolu 47. Operazzjonijiet oħra ma għandhomx ikunu soġġetti għal aktar minn eżerċizzju wieħed ta' awditjar kull sena ta' kontabilità mill-awtorità tal-awditjar u mill-Kummissjoni qabel l-eżaminazzjoni tan-nefqa kollha kkonċernata skont l-Artikolu 47. Dawk id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 5 u 6.

2. L-awditjar ta' operazzjoni jista' jkopri l-istadji kollha tal-implimentazzjoni tagħha u l-livelli kollha tal-katina ta' distribuzzjoni, bl-eċċezzjoni tal-kontroll tal-benefiċjarji finali attwali, sakemm valutazzjoni tar-riskju ma tistabbilixxix riskju speċifiku ta' irregolarità jew frodi.

3. Meta l-aktar opinjoni riċenti ta' awditjar dwar il-programm operattiv tindika li ma jkun hemm l-ebda nuqqasijiet sinifikanti, il-Kummissjoni tista' taqbel mal-awtorità tal-awditjar fil-laqgħa sussegwenti msemmija fl-Artikolu 34(2) li l-livell ta' xogħol ta' awditjar meħtieġ jista' jitnaqqas sabiex ikun proporzjonat mar-riskju stabbilit. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni mhijiex se twettaq eżerċizzji ta' awditjar tagħha fuq il-post sakemm ma jkunx hemm evidenza li tissuġġerixxi nuqqasijiet fis-

sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li jaffettwaw in-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni f'sena ta' kontabilità li għaliha l-kontijiet kienu aċċettati.

4. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li tista' toqgħod fuq l-opinjoni tal-awtorità ta' awditjar għall-programm operattiv, tista' taqbel mal-awtorità tal-awditjar biex tillimita l-awditjar tagħha fuq il-post biex tivverifika l-ħidma tal-awtorità tal-awditjar sakemm ma jkunx hemm evidenza ta' nuqqasijiet fil-ħidma tal-awtorità ta' awditjar għal sena ta' kontabilità li għaliha l-kontijiet kienu aċċettati.

5. L-awtorità tal-awditjar u l-Kummissjoni jistgħu jwettqu eżerċizzji ta' awditjar ta' operazzjonijiet f'kull ħin meta valutazzjoni tar-riskju tistabbilixxi riskju speċifiku ta' irregolarità jew frodi, f'każ ta' evidenza ta' nuqqasijiet serji fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm operattiv, u, matul it-tliet snin wara l-aċċettazzjoni tan-nefqa kollha ta' operazzjoni skont l-Artikolu 47, bħala parti minn kampjun ta' awditjar.

6. Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin twettaq awditjar ta' operazzjonijiet għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ħidma ta' awtorità tal-awditjar billi twettaq mill-ġdid l-attività ta' awditjar tagħha.

Kapitolu 4 Diżimpenn

Artikolu 56

Regoli dwar diżimpenn

1. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja kwalunkwe parti mill-ammont ikkalkolat skont it-tieni subparagrafu fi programm operattiv li ma jkunx intuża għall-ħlas tal-prefinanzjament, għall-ħlasijiet interim u għall-bilanċ annwali sal-31 ta' Diċembru tat-tieni sena finanzjarja wara s-sena tal-impenn baġitarju taħt il-programm operattiv jew għal applikazzjoni għall-ħlas imfassla skont l-Artikolu 38 li ma tkunx intbagħtet skont l-Artikolu 42.

Għall-finijiet tad-diżimpenn, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont billi żżid parti waħda minn sitta tal-impenn baġitarju annwali relatat mal-kontribuzzjoni annwali totali tal-2014 għal kull wieħed mill-impenji baġitarji tas-snin 2015 sal-2020.

2. Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, id-dati ta' skadenzi għad-diżimpenn ma għandhomx japplikaw għall-impenn baġitarju annwali relatat mal-kontribuzzjoni annwali totali tal-2014.

3. Jekk l-ewwel impenn baġitarju annwali jkun relatat mal-kontribuzzjoni annwali totali tal-2015, permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, id-dati ta' skadenzi għad-diżimpenn ma għandhomx japplikaw għall-impenn baġitarju annwali relatat mal-kontribuzzjoni annwali totali tal-2015. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont taħt l-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 1 billi żżid parti waħda minn ħamsa tal-impenn baġitarju annwali relatat mal-ammont tal-kontribuzzjoni totali tal-2015 ma' kull wieħed mill-impenji baġitarji tal-2016 sal-2020.

4. Dik il-parti tal-impenji li tkun għadha miftuħa fil-31 ta' Diċembru 2022 għandha tiġi diżimpenjata jekk xi wieħed mid-dokumenti meħtieġa taħt l-Artikolu 47 (2) ma jkunx ġie sottomess lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2023.

Artikolu 57

Eċċezzjoni għad-diżimpenn

1. L-ammont ikkonċernat minn diżimpenn għandu jitnaqqas bl-ammonti li l-korp responsabbli ma setax jiddikjara lill-Kummissjoni minħabba:

(a) operazzjonijiet sospiżi minn proċedimenti legali jew b'appell amministrattiv li għandu effett ta' sospensjoni; jew

(b) raġunijiet ta' forza maġġuri li jaffettwaw serjament l-implimentazzjoni ta' programm operattiv sħiħ jew parti minnu. L-awtoritajiet nazzjonali li jiddikjaraw forza maġġuri għandhom juru l-konsegwenzi diretti tal-forza maġġuri fuq l-implimentazzjoni tal-programm operattiv sħiħ jew fuq parti minnu;

(c) It-tnaqqis jista' jintalab darba jekk is-sospensjoni jew il-forza maġġuri tkun damet sa sena, jew għal diversi drabi li jikkorrispondu mat-tul ta' żmien tal-forza maġġuri jew man-numru ta' snin bejn id-data tad-deċiżjoni legali jew amministrattiva li tissospendi l-implementazzjoni tal-operazzjoni u d-data tad-deċiżjoni legali jew amministrattiva finali.

2. Sal-31 ta' Jannar, l-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għall-ammont li għandu jiġi ddikjarat sal-aħħar tas-sena preċedenti.

Artikolu 58

Proċedura għal diżimpenji

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru u lill-awtorità maniġerjali fi żmien tajjeb kull meta jkun hemm riskju li jiġi applikat id-diżimpenn skont l-Artikolu 56.

2. Abbażi tal-informazzjoni li jkollha fil-31 ta' Jannar, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru u lill-awtorità maniġerjali bl-ammont tad-diżimpenn li jirriżulta mill-informazzjoni fil-pussess tagħha.

3. L-Istat Membru għandu jkollu xahrejn biex jaqbel mal-ammont li għandu jiġi diżimpenjat jew biex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

4. Sat-30 ta' Ġunju, l-Istat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni pjan rivedut ta' finanzjament li jirrifletti l-ammont imnaqqas ta' għajnuna tal-programm operattiv għas-sena finanzjarja kkonċernata. Fin-nuqqas li ssir tali sottomissjoni, il-

Kummissjoni għandha tirrevedi l-pjan ta' finanzjament billi tnaqqas il-kontribuzzjoni mill-Fond għas-sena finanzjarja kkonċernata.

5. Il-Kummissjoni għandha temenda d-deċiżjoni li tadotta l-programm operattiv, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru.

TITOLU VII. DELEGA TA' SETGĦAT, DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI U FINALI

Artikolu 59

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delegazzjonijiet tas-setgħa msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jingħataw għal perjodu indeterminat ta' żmien mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

